L-Edukazzjoni tal-għalliema għal inklużjoni

# PROFIL TA' GĦALLIEMA INKLUŻIVI

TE4I

European Agency for Development in Special Needs Education

# L-Edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni

# PROFIL TA' GĦALLIEMA INKLUŻIVI

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

Education and Culture DG

Lifelong Learning Programme

Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kienet sostnuta mid-DG tal-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/index_en.htm

Din il-pubblikazzjoni tirrifletti l-fehmiet tal-awturi u l-kontributuri biss u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu, li jista' jsir mill-informazzjoni li wieħed isib f'din l-istess pubblikazzjoni.

Editjat minn: Amanda Watkins, Membru tal-Istaff, L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali tixtieq li bil-qalb kollha tagħraf is-sehem tal-membri kollha tal-Bord tar-Rappreżentattivi tal-Agency u l-Koordinaturi Nazzjonali, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet speċifiċi ta' dawn in-nies fit-tħejjija ta' dan id-dokument:

- Il-membri tal-Grupp Avviżorju tal-Proġett, it-TE4I u l-esperti tal-pajjiżi nnominati biex jipparteċipaw fil-proġett tal-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni. Id-dettalji tal-kuntatt tagħhom jinkisbu fl-aħħar ta' dan id-dokument;

- Il-policy makers, il-prattikanti, l-istudenti, it-tgħalliema u l-familji tagħhom li kienu parteċipanti fl-istudju tal-14-il pajjiż li nżammu fl-2010 u l-2011. Dettalji tal-istudji taż-żjajjar kollha tal-pajjiżi jinkisbu mill-websajt tal-proġett TE4I: http://www.european-agency.org/agency-projects/Teacher-Education-for-Inclusion/country-study-visits

Siltiet mid-dokument huma permessi darba waħda ssir referenza ċara għas-sors. Dan id-dokument għandu jiġi rreferenzjat kif ġ ej: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġ ijiet Speċjali (2012) *Profil ta' Għalliema Inklużivi*, Odense, id-Danimarka: l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali.

Il-manuskritt li jista' jinkiseb għal rasu li fih dan id-dokument kien abbozzat bħala materjal li fuqu m'hemmx copyright, li jista' jiġi adottat, immodifikat u mogħti għan ieħor kif meħtieġ darba waħda ssir referenza għas-sors oriġinali.

ISBN (Ipprintjat ): 978-87-7110-330-4 ISBN (Elettroniku): 978-87-7110-351-9

**© European Agency for Development in Special Needs Education 2012**

Secretariat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Brussels Office
3 Avenue Palmerston
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

## IL-KONTENUT


**DAĦLA** ........ **5**

**TAQSIRA EŻEKUTTIVA** ........ **6**

**INTRODUZZJONI** ........ **8**

**PROFIL TA' GĦALLIEMA INKLUŻIVI** ........ **11**

**IT-TWETTIQ TAL-PROFIL TA' GĦALLIEMA INKLUŻIVI** ........ **19**

Prinċipji Ġenerali ........ 19

L-Użu tal-Profil ........ 19

Fatturi li jsostnu t-twettiq tal-Profil ........ 20

**BAŻIJIET KUNĊETTWALI TAL-PROFIL** ........ **25**

Approċju bbażat fuq l-valuri għal skop ta' edukazzjoni ta' inklużjoni ........ 25

Oqsma ta' kompetenzi skont l-approċju mħaddem ........ 27

Irbit ma' prijoritajiet ta' policy Ewropea għal edukazzjoni ta' skejjel u għalliema ........ 28

**IL-METODOLOĠIJA BIEX JIĠI ŻVILUPPAT IL-PROFIL** ........ **31**

**L-IŻVILUPP TAL-PROFIL FIL-FUTUR** ........ **35**

**REFERENZI** ........ **38**

**ANNESS 1 – L-UŻU TA' KOMPETENZI FL-ITE FIL-PAJJIŻI** ........ **40**

**ANNESS 2 – INTEJBU L-KWALITÀ TAL-GĦALLIEMA: L-AĠENDA TAL-POLICY TAL-UNJONI EWROPEA** ........ **42**

**ANNESS 3 – DISKUSSJONIJIET-PROFIL: TEMPLEJT GĦALL-ĠBIR TA' INFORMAZZJONI** ........ **45**

**IL-KONTRIBUTURI** ........ **46**

# DAĦLA

Il-proġett tal-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni (TE4I) esplora kif l-għalliema kollha huma mħejjija permezz tal-edukazzjoni inizjali tagħhom biex ikunu 'inklużivi'. Il-proġett ta' tliet snin telaq biex jidentifika l-ħiliet essenzjali, l-għerf u l-fehim, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa minn kull min ikun se jaqbad il-professjoni ta' għalliem/a, indipendentement mis-suġġett, l-ispeċjalizzazzjoni jew l-medda tal-età li jkunu se jgħallmu, jew it-tip ta' skola li se jkunu fiha.

F'dan il-proġett kienu involuti ħamsa u ħamsin espert minn 25 pajjiż: l-Awstrija, il-Belġju (kemm il-komunità li titkellem bil-Fjammin kif ukoll dik li titkellem bil-Franċiż), Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Fillandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Islanda, l-Isvezja, l-Isvizzera, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugal, ir-Renju Unit (l-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq, l-Iskozja u Wales), ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija. L-esperti tal-grupp kienu jinkludu l-policy makers – responsabbli mit-tagħlim tal-għalliema u l-edukazzjoni inkluživa – u kif ukoll l-edukaturi tal-għalliema kemm dawk speċjali kif ukoll dawk ġenerali.

Il-proġett kien sostnut mill-Grupp Avviżorju tal-Proġett tal-membri tal-Bord Rappreżentattiv tal-Agency u l-Koordinaturi Nazzjonali, l-istaff tal-Agency u l-konsulent estern, Kari Nes min-Norveġja. Il-Grupp Avviżorju tal-Proġett Estiż iltaqa' wkoll matul il-proġett ma' rappreżentanti mid-Direttorat-Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura (DG-EAC), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u ċ-Ċentru għall-Iżvilupp tar-Riċerka Edukattiva u l-Innovazzjoni (OECD-CERI) u l-Bureau Internazzjonali tal-Edukazzjoni UNESCO (IBE) biex jassigura konsistenza ma' inizjattivi Ewropej u internazzjonali f'dan il-qasam ta' xogħol.

Il-proġett TE4I wassal għal għadd ta' kontribuzzjonijiet li jistgħu jinkisbu mill-websajt tal-proġett: http://www.european-agency.org/agency-projects/Teacher-Education-for-Inclusion

- Rivisti ta' letteratura ta' riċerka u policy li jkopru fihom dokumenti ta' policy internazzjonali u letteratura ta' riċerka sa mis-sena 2000, li fihom riċerka ta' materjal mit-18-il pajjiż Ewropew.
- Rapporti fuq edukazzjoni ta' Għalliema għal Inklużjoni mill-pajjiżi parteċipanti. Ir-rapporti tal-pajjiżi huma ppreżentati f'format konsistenti biex jgħinu r-riċerka bejn il-pajjiżi b'temi speċifiċi.
- Rapport-sinteżi, li jiġbor mis-sorsi tat-tagħrif tal-proġett biex jippreżenta l-konklużjonijiet ewlenin u r-rakkomandazzjonijiet relatati mal-edukazzjoni tal-għalliema fl-Ewropa.
- Dokument 'matriċi' li jgħaqqad l-evidenza minn attivitajiet tal-proġett direttament mar-rakkomandazzjonijiet tal-proġett li saru fir-rapport-sinteżi tal-proġett.

Riżultat ieħor huwa dan il-*Profil ta' Għalliema Inklużivi,* żviluppat waqt il-proġett bħala riżultat ta' riċerka, informazzjoni tal-pajjiżi u b'mod partikolari, diskussjonijiet ma' esperti tal-proġett u rappreżentanti ta' gruppi ta' stakeholders għal skop ta' edukazzjoni ta' għalliema fl-istudju taż-żjajjar tal-114-il pajjiż li saru fl-2010 u l-2011.

Barra mill-esperti tal-proġett nominati, aktar minn 400 stakeholder ieħor, inklużi studenti-għalliema, għalliema u mexxejja fl-iskejjel, amministraturi ta' oqsma lokali, rappreżentanti minn organizzazzjonijiet volontarji, policy makers, tgħalliema, il-ġenituri u l-familji tagħhom – kienu involuti fl-attivitajiet tal-proġett. L-Agency tixtieq turi l-apprezzament tagħha għas-sehem imprezzabbli għall-iżvilupp tal-outcomes tal-proġett, imma b'mod partikolari fit-tħejjija tal-Profil ippreżentat f'dan id-dokument.

**Cor Meijer**

Direttur, tal-Agenzija Ewropea għall-Iżvilupp għal Ħtiġijiet ta' Edukazzjoni Speċjali

# TAQSIRA EŻEKUTTIVA

Il-proġett tal-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni (TE4I) esplora kif l-għalliema kollha huma mħejjija permezz tal-edukazzjoni inizjali tagħhom biex ikunu 'inklużivi'. Il-proġett ta' tliet snin pprova jidentifika l-ħiliet essenzjali, l-għerf u l-fehim, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa minn kulħadd hekk kif jidħol fil-professjoni tal-għalliema, indipendentement mis-suġġett, l-ispeċjalizzazzjoni jew il-medda tal-età li jgħallmu jew it-tip ta' skola li jkunu se jaħdmu fiha.

Il-Profil tal-Għalliema Inklużivi ġie żviluppat bħala wieħed mill-kontribuzzjonijiet ewlenin tal-proġett tal-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni (TE4I) li tmexxa mill-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. Talba speċifika li ġiet mir-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-Agency kienet għal informazzjoni konkreta fuq il-kompetenzi neċessarji, l-attitudnijiet, l-għerf u l-ħiliet meħtieġa mill-għalliema kollha li jaħdmu f'ambjenti inklużivi. Dan id-dokument huwa tweġiba diretta għal din it-talba.

L-udjenzi ewlenin, fil-mira tal-Profil huma edukaturi ta' għalliema u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet – managers u policy makers għal Edukazzjoni għal Għalliema fi stadju Inizjali (ITE) – li huma f'qagħda li jinfluwenzaw il-policy għal skop ta' edukazzjoni tal-għalliema, għal skop ta' inklużjoni, u mbagħad jibdew u jwettqu l-bidliet fil-prattika. Dawn l-istakeholders għall-ITE huma meqjusa importanti ħafna bħala udjenza fil-mira, hekk kif l-asserzjoni tal-proġett TE4I hi li l-edukazzjoni tal-għalliema hija punt ta' sostenn ewlieni għal bidliet sistematiċi usa' meħtieġa b'mod ġenerali għal skop ta' edukazzjoni inklużiva.

Il-Profil ma jirreplikax xogħol li jkun diġà sar f'pajjiżi oħra. Aktar minn hekk huwa attentat biex b'mod realistiku jiġi indirizzat impenn imxierek espress minn rappreżentanti tal-pajjiżi u biex tiġi żviluppata għodda fil-livell Ewropew li hija bbażata fuq informazzjoni u l-kontribuzzjonijiet minn livell nazzjonali.

Primarjament, il-Profil ta' Għalliema Inklużivi kien ġie żviluppat bħala gwida għad-disinn u t-twettiq ta' programm ITE għall-għalliema kollha. L-intenzjoni hi li l-Profil jintqies bħala materjal ta' stimulu biex jiġi identifikat kontenut relevanti, jippjana metodi u jiġu speċifikati riżultati ta' tgħallim-fil-mira (learning outcomes) għall-ITE u mhux skritt ta' kontenut ta' programm tal-ITE.

Speċifikatament, l-objettivi għal dan id-dokument ta' Profil huma li:

1 - Jidentifika qafas ta' valuri ewlenin u oqsma ta' kompetenzi li huma applikabbli għal kull tip ta' programm ta' edukazzjoni ta' għalliema f'livell inizjali;

2 - Jagħti importanza kbira lill-valuri essenzjali ewlenin, u l-oqsma ta' kompetenzi neċessarji biex l-għalliema kollha jitħejjew biex jaħdmu f'edukazzjoni inklużiva li tagħti każ il-forom kollha tad-diversità;

3 - Jagħti importanza kbira lill-fatturi ewlenin li jsostnu t-twettiq tal-valuri ewlenin proposti u l-oqsma ta' kompetenza għal edukazzjoni inklużiva fil-programmi tal-ITE;

4 - Isaħħaħ mill-ġdid l-argument magħmul mill-proġett TE4I li l-edukazzjoni inklużiva hija r-responsabiltà tal-edukaturi tal-għalliema kollha li jkunu jaħdmu fi programmi tal-ITE.

Id-dokument tal-Profil jieħu spunti minn diskussjonijiet u attivitajiet li jinvolvu l-esperti tal-proġett u aktar minn 400 stakeholder ieħor fl-edukazzjoni fuq perjodu ta' tliet snin – policy makers u prattikanti minn skejjel u setturi ta' edukazzjoni tal-għalliema; għalliema-studenti tal-ITE u in-service; ġenituri u familji; u tgħalliema – li kollettivament iddiskutew il-kompetenzi li l-għalliema kollha għandhom isostnu x-xogħol tagħhom f'ambjenti inklużivi.

Tliet parametri kienu użati bħala gwida għall-iżvilupp tal-profil:

1 - L-inklużjoni, essenzjalment, hija approċju msejjes fuq prinċipji u drittijiet għal edukazzjoni mmexxija minn għadd ta' valuri ċentrali;

2 - Hemm diffikultajiet prattiċi u kunċettwali biex wieħed jiffoka fuq kompetenzi iżolati għat-tagħlim f'edukazzjoni inklużiva u għall-Profil biex ikun relevanti għal pajjiżi differenti u stakeholders; approċju wiesa' għall-idea li jintużaw kompetenzi kienet meħtieġa;

3 - Il-prijoritajiet politiċi u l-effetti tal-policies soċjali fil-pajjiżi individwali ma jistgħux jiġu injorati, imma hemm qafas ta' policy fil-livell internazzjonali u tal-Unjoni Ewropea li l-pajjiżi kollha jissottoskrivu għall-impatt fuq edukazzjoni inklużiva u l-edukazzjoni tal-għalliema.

Erba' valuri ewlenin dwar it-tagħlim u t-tgħallim ġew identifikati bħala l-bażi għax-xogħol tal-għalliema kollha fl-edukazzjoni inklużiva. Dawn il-valuri ewlenin huma marbuta ma' oqsma ta' kompetenza ta' għalliema. Dawn l-oqsma ta' kompetenza huma magħmula minn tliet elementi: attitudnijiet, għerf u ħiliet. Ċerta *attitudni* jew fehma tinħtieġ ċertu *għerf* jew livell ta' fehim u mbagħad *ħiliet* biex wieħed iwettaq dan l-għerf f'sitwazzjoni prattika. Għal kull qasam ta' kompetenza identifikata, l-attitudnijiet essenzjali, l-għerf u l-ħiliet li nsibu fihom huma ppreżentati.

Il-Profil kien żviluppat fuq dan il-qafas ta' valuri ewlenin u oqsma ta' kompetenzi:

**Nivvalorizzaw id-Diversità tat-Tgħalliemi** – id-differenza fost it-tgħalliema hija meqjusa bħala riżorsa u ħtieġa essenzjali għall-edukazzjoni.

L-oqsma tal-kompetenza f'dan il-valur ewlieni jirrelataw ma':

- Konċezzjonijiet ta' edukazzjoni inklużiva;
- Il-fehma tal-għalliem/a fuq id-differenza tat-tgħalliemi.

**Insostnu lit-Tgħalliema Kollha** – l-għalliema jkollhom aspettazzjonijiet għolja mill-kisbiet li jistgħu jagħmlu t-tgħalliema kollha.

L-oqsma tal-kompetenza f'dan il-valur ewlieni jirrelataw ma':

- Il-promozzjoni tat-tgħallim akkademiku, prattiku, soċjali u emozzjonali għat-tgħalliema kollha;
- Approċji ta' tagħlim effettiv fi klassijiet eteroġenji.

**Naħdmu ma' Oħrajn** – kollaborazzjoni u ħidma f'tim huma siewja għall-għalliema kollha.

L-oqsma tal-kompetenzi f'dan il-valur ewlieni għandhom x'jaqsmu ma':

- Naħdmu mal-ġenituri u l-familji;
- Naħdmu ma' medda ta' professjonisti fl-edukazzjoni.

**Żvilupp Personali Professjonali** – li wieħed jgħallem hija attività ta' tgħallim u l-għalliema għandhom ir-responsabiltà għal tgħallim tul il-ħajja.

L-oqsma tal-kompetenza f'dan il-valur ewlieni għandu x'jaqsam ma':

- Għalliema bħala prattikanti riflessivi;
- Edukazzjoni inizjali tal-għalliema bħala l-pedament ta' żvilupp u tgħallim professjonali kontinwu.

Jirfdu l-valuri ewlenin u l-oqsma ta' kompetenza nsibu għadd ta' prinċipji ġenerali maqbula relatati mat-twettiq tal-Profil. Fl-istess ħin jiġu identifikati għadd ta' fatturi li jsostnu t-twettiq tal-Profil. Dawn il-fatturi mhux biss ikopru l-użu possibbli tal-Profil fil-programmi tal-edukazzjoni inizjali tal-għalliema, imma wkoll aspetti usa' relatati mal-policy u l-prattika fl-iskola u l-edukazzjoni tal-għalliema.

# INTRODUZZJONI

Dan il-profil ta' Għalliema Inklużivi kien żviluppat bħala wieħed mill-kontribuzzjonijiet ewlenin tal-proġett tal-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni (TE4I) li sar mill-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (http://www.european-agency.org/agency-projects/Teacher-Education-for-Inclusion). F'dan il-proġett ta' tliet snin – li kien jinvolvi aktar minn 55 espert nazzjonali minn 25 pajjiż Ewropew – ġew ikkunsidrati dawn l-oqsma:

- Liema tip ta' għalliema hemm meħtieġa għal skop ta' soċjetà inklużiva fl-iskola tas-seklu 21?
- Liema huma l-kompetenzi essenzjali tal-għalliema għal skop ta' edukazzjoni inklużiva?

Il-proġett iffoka fuq edukazzjoni ta' għalliema ġenerali u mainstream u kif dawn huma mħejjija permezz tal-edukazzjoni inizjali tal-għalliema (ITE) biex jaħdmu f'ambjenti inklużivi. Il-mistoqsija ewlenija għal skop ta' konsiderazzjoni fil-proġett kienet: *kemm l-għalliema kollha huma mħejjija permezz tal-edukazzjoni inizjali biex ikunu 'inklużivi'.*

Talba speċifika li ġiet mir-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-Agency kienet għal skop ta' tagħrif konkret fuq il-kompetenzi neċessarji, l-attitudnijiet, l-għerf u l-ħiliet meħtieġa mill-għalliema kollha li jaħdmu f'ambjenti inklużivi. Dan id-dokument huwa tweġiba diretta għal din it-talba. Huwa jiġbor minn medda ta' tagħrif miġbur fil-proġett TE4I li jinkludi l-policy internazzjonali u l-fehmiet dwar ir-riċerka tal-letteratura, ir-rapporti tal-pajjiżi (http://www.european-agency.org/agency-projects/Teacher-Education-for-Inclusion/country-info) u l-aktar importanti l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport-sinteżi tal-proġett *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni fl-Ewropa – Sfidi u Opportunitajiet* (2011).

Il-Profil ma jirreplikax ix-xogħol li diġà sar fil-pajjiżi. Aktar milli hekk, dan huwa attentat biex b'mod realistiku jiġu indirizzati preokkupazzjonijiet komuni espressi bejn ir-rappreżentanti tal-pajjiżi u biex tiġi żviluppata għodda fil-livell Ewropew li hija mibnija fuq informazzjoni u kontribuzzjonijiet mil-livell nazzjonali. Il-Profil kien żviluppat bħala gwida għad-disinn u t-twettiq ta' programmi għal edukazzjoni inizjali tal-għalliema. Huwa skritt għal kontenut tal-ITE, imma fih materjal ta' stimulu biex jiġi identifikat kontenut relevanti, metodi ta' ppjanar u speċifikar ta' riżultati tat-tgħallim fil-mira (learning outcomes) mixtieqa għal ħafna forom ta' ITE li jippreparaw għalliema tal-klassi fil-livell mainstream.

Fil-qofol tiegħu, id-dokument-Profil jieħu minn għadd ta' attivitajiet u diskussjonijiet li jinvolvu esperti tal-proġett u aktar minn 400 stakeholder mill-edukazzjoni – professjonisti minn għadd ta' skejjel u setturi ta' edukazzjoni tal-għalliema; għalliema-studenti tal-ITE u in-service; ġenituri u familji; tgħalliema – li kollettivament ddibattew il-kompetenzi tal-għalliema kollha biex isostnu x-xogħol tagħhom f'ambjenti inklużivi. (Jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni Metodoloġija għal aktar dettall).

Il-Profil ta' Għalliema Inklużivi huwa ambizzjuż. Dan huwa mibni fuq informazzjoni ġġenerata waqt il-proġett TE4I u jippreżenta qafas ta' ideat li kienu dibattuti u maqbula f'livell Ewropew biex jippromwovu approċju ideali fl-ITE. Il-Profil kien żviluppat bħala dokument prattiku biex isostni l-edukazzjoni tal-għalliema għal inizjattivi ta' inklużjoni fil-pajjiżi. L-esperti li pparteċipaw fil-proġett L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Skop ta' Inklużjoni tal-Agency ilkoll qablu li Profil ta' Għalliema Inklużivi huwa ta' għajnuna u għandu jintqies fil-programmi ta' edukazzjoni ta' għalliema inizjali jekk aktar inklużjoni għandha tinkiseb madwar l-Ewropa.

Il-Profil jippreżenta tagħrif fuq *liema* valuri essenzjali u oqsma ta' kompetenza għandhom jiġu żviluppati fil-programmi kollha tal-ITE. Madankollu, ma jippruvax jiddeskrivi *kif* dawn l-oqsma ta' kompetenza għandhom jintużaw fi programmi ta' pajjiżi differenti għal

edukazzjoni ta' għalliema fil-fażi inizjali. Madankollu xi aspetti ewlenin li għandhom x'jaqsmu mat-twettiq huma kkunsidrati f'sezzjoni li tiġi aktar tard f'dan id-dokument; il-Profil inħadem bħala għodda li tiġi eżaminata u żviluppata b'modi li speċifikatament jidħlu fil-kuntest differenti tas-sistema tal-ITE ta' kull pajjiż individwali.

Speċifikatament, l-objettivi għal dan id-dokument Profil huma li:

1 - Jidentifika qafas ta' valuri ewlenin u oqsma ta' kompetenza li huma applikabbli għal kull programm ta' edukazzjoni għal għalliem f'livell inizjali. Dawn il-valuri ewlenin u l-oqsma tal-kompetenza mhumiex suġġett, età, fażi edukattiva, jew settur speċifiku u mhumiex relatati għal xi tip ta' mod kif wieħed iwassal l-edukazzjoni bis-sistema rotta jew xi metodu speċifiku.

2 - Jagħti importanza lill-valuri ewlenin u l-oqsma tal-kompetenza neċessarji biex wieħed jipprepara l-għalliema kollha biex jaħdmu fl-edukazzjoni inklużiva filwaqt li jikkunsidra l-forom kollha tad-diversità. Dawn il-valuri ewlenin u oqsma ta' kompetenza għandhom jiġu żviluppati matul l-ITE, imma mbagħad użati bħala pedament għal aktar żvilupp fit-tħejjija, u aktar tard fl-opportunitajiet ta' żvilupp edukattiv kontinwu;

3 - Jagħti importanza lill-fatturi ewlenin li jsostnu t-twettiq tal-valuri ewlenin proposti u l-oqsma tal-kompetenza għal edukazzjoni inklużiva fil-programmi tal-ITE;

4 - Isaħħaħ l-argument magħmul fil-proġett TE4I li l-edukazzjoni inklużiva hija r-responsabiltà tal-għalliema kollha u li t-tħejjija tal-għalliema kollha għal xogħol f'ambjenti inklużivi hija r-responsabiltà tal-edukaturi tal-għalliema li jaħdmu fil-programmi ITE.

TE4I bħala għan għall-istudenti kollha tal-ITE kienet ir-rakkomandazzjoni ewlenija issottolineata fir-rapport-sinteżi tal-proġett; il-Profil jibni fuq dan u xogħljiet oħra ppreżentati fir-rapport-sintenzi u jorbothom ma' qafas ta' valuri u l-oqsma tal-kompetenzi neċessarji għall-għalliema kollha jekk dawn għandhom ikunu effettivi fi klassijiet inklużivi.

L-udjenzi ewlenin fil-mira għal dan id-dokument huma l-edukaturi tal-għalliema u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet – il-managers u l-policy makers għall-ITE – li huma f'pożizzjoni biex jinfluwenzaw il-policy għal edukazzjoni ta' għalliema għall-inklużjoni u mbagħad jinizjalaw u jwettqu l-bidliet fil-prattika. Dawn l-istakeholders għall-ITE huma meqjusa bħala udjenza fil-mira kritika, minħabba l-fatt li asserzjoni oħra tal-proġett tat-TE4I hija li l-edukazzjoni tal-għalliema hija sors ta' bidliet sistematiċi usa' meħtieġa għal skop ta' edukazzjoni inklużiva b'mod ġenerali.

L-OECD (2005) tissuġġerixxi li l-livell tal-kwalità tal-għalliema hija inizjattiva ta' policy li għandha ċ-ċans li twassal għal prestazzjoni f'livell ta' skola li tkun dejjem aħjar. Ir-rapport tal-proġett-sinteżi TE4I jissuġġerixxi li dan l-argument jista' jiġi żviluppat aktar – billi jħejji lill-għalliema biex iwieġbu għad-diversità tal-ħtiġijiet li huma jkollhom jiffaċċjaw fil-klassijiet tagħhom ta' kuljum. Potenzjalment din l-iniżjattiva ta' policy għandha ċans kbir li timpatta fuq l-iżvilupp ta' komunitajiet aktar inklużivi.

Id-dokument jippreżenta punt tat-tluq għal stakeholders fl-ITE biex jużaw kuntesti differenti fil-pajjiżi tagħhom. B'din l-intenzjoni f'moħħna, il-Profil u l-informazzjoni tas-sostenn sottolineata f'dan id-dokument fis-sezzjoni li jmiss, segwita minn sezzjonijiet li jitkellmu dwar: diskussjonijiet fuq fatturi li jsostnu t-twettiq tal-Profil; il-qafas kunċettwali għall-Profil, li jinkludu links ma' prijoritajiet kurrenti tal-policy Ewropea; sezzjoni li tiddeskrivi l-metodoloġija użata fl-iżvilupp ta' Profil u finalment xi rimarki konklużivi.

L-intenzjoni mhijiex li dan l-Profil ikun il-kontribuzzjoni finali tal-proġett tat-TE4I, imma aktar bħala dokument li jservi ta' stimulu għal diskussjoni u mezz ta' promozzjoni ta' żviluppi ta' TE4I fil-pajjiżi.

Biex jiġu sostnuti aktar diskussjonijiet u żviluppi fil-livell tal-pajjiżi jrid isir ix-xogħol:

1. It-test f'paġni 11 sa 18 ta' dan id-dokument huwa materjal bla copyright u għandu l-għan biex policy makers u prattikanti jiżviluppaw u jimmodifikaw kif ikun meħtieġ bil-għan li jilħqu meded ta' għanijiet possibbli. Fil-faċċata ta' dan id-dokument insibu kopja li tista' "tinħareġ għal rasha" tal-Profil li tista' tiġi kkupjata u mmodifikata kif ikun meħtieġ, darba waħda ssir referenza għas-sors oriġinali.

2. Fuq il-websajt tal-Agency, wieħed isib kopji sħaħ ta' dan ir-rapport fil-lingwi kollha tal-pajjiżi membri tal-Agency, li jistgħu jiġu mniżżla; kif ukoll verżjonijiet elettroniċi li jistgħu jiġu editjati tat-test tal-Profil: http://www.european-agency.org/agency-projects/teacher-education-for-inclusion/profile

## PROFIL TA' GĦALLIEMA INKLUŻIVI

Erba' valuri ewlenin li għandhom x'jaqsmu mat-tagħlim u t-tgħallim kienu identifikati bħala l-bażi għax-xogħol tal-għalliema kollha fl-edukazzjoni inklużiva. Dawn l-erba' valuri ewlenin huma:

1. Nivvalorizzaw id-diversità tat-tgħalliema – id-differenza tat-tgħalliema hija meqjusa bħala riżorsa u ħtieġa essenzjali għall-edukazzjoni;
2. Insostnu lit-tgħalliema kollha – l-għalliema għandhom aspettazzjonijiet għas-suċċess tat-tgħalliema kollha;
3. Naħdmu ma' oħrajn – kollaborazzjoni u xogħol f'tim huma approċji essenzjali għall-għalliema kollha;
4. Żvilupp professjonali personali kontinwu – it-tagħlim huwa attività ta' tgħallim u l-għalliema jieħdu r-responsabiltà għat-tgħallim tagħhom tul il-ħajja.

F'dawn is-sezzjonijiet, il-valuri ewlenin huma ppreżentati flimkien ma' oqsma assoċjati ma' kompetenzi ta' għalliema.

L-oqsma tal-kompetenzi huma magħmula minn tliet elementi: attitudnijiet, għerf u ħiliet. Ċerta *attitudni* jew fehmiet jitolbu ċertu *għerf* jew livell ta' fehim u mbagħad *ħiliet* biex b'hekk jiġi mwettaq fil-prattika dan l-għerf fis-sitwazzjoni partikolari. Għal kull qasam ta' kompetenza identifikata, l-attitudnijiet, l-għerf u l-ħiliet essenzjali li nsibu fihom huma ppreżentati.

Huwa importanti li wieħed jinnota li biex jiġi assigurat li l-fatturi importanti kollha hemm xi raġuni warajhom l-oqsma tal-kompetenza huma ppreżentati hawn f'lista. Madankollu, il-fatturi mhumiex f'ordni ġerarkika u m'għandhomx jittieħdu għal rashom; għaliex huma lkoll marbuta ma' xulxin mill-qrib u huma interdipendenti għall-aħħar.

L-oqsma tal-kompetenza ppreżentati hawn u li huma l-aktar kritiċi huma identifikati permezz tad-diskussjonijiet tal-proġett TE4I; imma mhumiex kollha. Dawn m'għandhomx jidhru bħala l-pedament tar-rotot ta' żvilupp professjonali speċjalizzat u l-punt tat-tluq tad-diskussjonijiet f'livelli differenti fil-kuntest speċifiku ta' oqsma ta' kompetenzi meħtieġa mill-għalliema kollha li jaħdmu f'sitwazzjonijiet ta' pajjiżi differenti.

**1. Nivvalorizzaw id-Diversità tat-Tgħalliema** – id-differenza tat-tgħalliema hija meqjusa bħala riżorsa u ħtieġa essenzjali għall-edukazzjoni.

L-oqsma tal-kompetenzi f'dan il-valur ewlieni għandhom x'jaqsmu ma':

- Konċezzjonijiet għal edukazzjoni inklużiva;
- Il-fehma tal-għalliem/a dwar id-differenza tat-tgħalliemi.

### 1.1 Il-konċezzjonijiet tal-edukazzjoni inklużiva

*L-attitudnijiet u l-fehmiet li nsibu fil-qasam tal-kompetenza huma dawk li …*

… l-edukazzjoni hija mibnija fuq il-fehma li l-ugwaljanza, id-drittijiet umani u d-demokrazija huma hemm għat-tgħalliema kollha;

… l-edukazzjoni inklużiva hija dwar ir-riforma f'livell ta' soċjetà u mhijiex negozjabbli;

… l-edukazzjoni inklużiva u l-kwalità fl-edukazzjoni ma tistax tidher bħala aspetti separat;

… aċċess għal edukazzjoni mainstream biss mhux biżżejjed; il-parteċipazzjoni tfisser li t-tgħalliema kollha jkunu involuti f'attivitajiet tat-tgħallim li jagħmlu sens għalihom.

*L-għerf essenzjali u l-fehim li nsibu f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludi …*

… il-kunċetti teoretiċi u prattiċi u l-prinċipji li nsibu fl-edukazzjoni inklużiva fil-kuntesti globali u lokali;

… is-sistema usa' ta' kulturi u policies ta' istituzzjonijiet edukattivi fil-livelli kollha li jimpattaw fuq l-edukazzjoni inklużiva. L-għalliema jridu jagħrfu u jifhmu s-sħuħijiet u d-dgħufijiet tas-sistema edukattiva li jaħdmu fiha;

… l-edukazzjoni inklużiva hija approċju għat-tgħalliema kollha, mhux biss dawk li huma mitqiesa bħala li għandhom ħtiġijiet differenti u li jistgħu jkunu f'riskju ta' esklużjoni minn opportunitajiet edukattivi;

… il-lingwa tal-inklużjoni u d-diversità u l-implikazzjonijiet tal-użu ta' terminoloġija differenti biex jiġu deskritti, illejbiljati u kkategorizzati t-tgħalliema;

… l-edukazzjoni inklużiva bħala l-preżenza (aċċess għall-edukazzjoni) il-parteċipazzjoni (il-kwalità tal-esperjenzi tat-tgħallim) u l-ksib (il-proċess tat-tgħallim u r-riżultati) tat-tgħalliema kollha.

*Il-ħiliet u l-abiltajiet kruċjali li għandhom jiġu ż viluppati f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

… kritikament jiġu eżaminati l-fehmiet u l-attitudnijiet ta' dak li jkun u l-impatt li dawn għandhom fuq l-azzjonijiet;

… li jkun hemm sehem kontinwu fi prattika etika u fir-rispett tal-kunfidenzjalità;

… il-ħtieġa tad-dikostruzzjoni tat-teorija edukattiva biex wieħed jifhem is-sitwazzjoni kurrenti u l-kuntesti;

… strateġiji ta' rkupru li jħejju lill-għalliema biex jisfidaw attitudnijiet mhux-inklużivi u biex jaħdmu f'sitwazzjonijiet segregati;

… li wieħed ikun empatetiku mal-ħtiġijiet diversi tat-tgħalliema;

…jiġi mmudellat ir-rispett fir-relazzjonijiet soċjali u li tintuża l-lingwa f'postha mat-tgħalliema kollha u l-istakeholders fl-edukazzjoni.

### 1.2 Il-fehma tal-għalliem/a fuq id-differenza tat-tgħalliemi

*L-attitudnijiet u l-fehmiet li nsibu f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

… hija 'normali li tkun differenti';

… id-diversità tat-tgħalliema għandha tkun irrispettata, ivvalorizzata u mifhuma bħala riżorsa li ttejjeb l-opportunitajiet tat-tgħallim u żżid valur lill-iskejjel, il-komunitajiet lokali u s-soċjetà;

… il-vuċijiet kollha tat-tgħalliema għandhom jinstemgħu u jiġu vvalorizzati;

… l-għalliem/a huwa l-influwenza ewlenija fuq l-istima personali tat-tgħalliema u, bħala konsegwenza, il-potenzjal tat-tgħallim tagħhom;

… il-kategorizzazzjoni u l-illejbiljar tat-tgħalliemi jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-opportunitajiet tat-tgħallim.

*L-għerf essenzjali u l-fehim li nsibu f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludi…*

… informazzjoni essenzjali dwar id-diversità tat-tgħalliema (li toħroġ mill-ħtiġijiet tas-sostenn, il-kultura, il-lingwa, l-isfond soċjo-ekonomiku, eċċ.);

… it-tgħalliema jistgħu jintużaw bħala riżorsa biex jiffaċilitaw it-tgħallim dwar id-diversità għalihom infushom u għall-koetanji tagħhom;

… it-tgħalliema jitgħallmu b'modi differenti u dawn jistgħu jintużaw biex isostnu t-tgħallim tagħhom u dak tal-koetanji tagħhom;

… l-iskola hija komunità u ambjent soċjali li taffettwa l-istima personali tat-tgħalliemi u l-potenzjal tat-tgħallim;

…l-iskola u l-popolazzjoni tal-klassi qiegħda tinbidel il-ħin kollu; id-diversità ma tistax tidher bħala kunċett wieqaf.

*Il-ħiliet u l-abiltajiet kruċjali li għandhom jiġu żviluppati f'dan il-qasam jinkludu …*

… nitgħallmu kif nitgħallmu mid-differenzi;

… nidentifikaw l-aktar modi approprji biex inwieġbu għad-diversità fis-sitwazzjonijiet kollha;

… nidentifikaw id-diversità fit-twettiq tal-kurrikulu;

… nużaw id-diversità fl-approċji tat-tgħallim u l-istili bħala riżorsa għat-tgħallim;

… nikkontribwixxu għall-bini ta' skejjel bħala komunitajiet ta' tgħallim li jirrispettaw, jinkoraġġixxu u jiċċelebraw il-kisbiet tat-tgħalliema kollha.

**2. Insostnu lit-Tgħalliema kollha** – l-għalliema jkollhom aspettazzjonijiet għolja għall-kisbiet tat-tgħalliema kollha.

L-oqsma tal-kompetenza fl-istess valur ewlieni jorbtu ma':

- Il-promozzjoni tat-tgħallim akkademiku, prattiku, soċjali u emozzjonali tat-tgħalliema kollha;

- Approċji ta' tagħlim effettiv fi klassijiet etereoġenji.

## 2.1 Il-Promozzjoni tat-tgħallim akkademiku, soċjali u emozzjonali tat-tgħalliema kollha

*L-attitudnijiet u l-fehmiet li nsibu f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

*…* it-tgħallim huwa primarjament attività soċjali;

… it-tgħallim akkademiku, prattiku, soċjali u emozzjonali huwa ta' importanza ugwali għat-tgħalliema kollha;

… l-aspettazzjonijiet tat-tgħalliema huma aspett determinanti ewlieni għas-suċċess tat-tgħalliema u għalhekk l-aspettazzjonijiet għat-tgħalliema kollha huwa kritiku;

… it-tgħalliema kollha għandhom ikunu kapaċi li jieħdu deċiżjonijiet b'mod attiv fit-tgħallim tagħhom u fil-proċessi tal-assessjar li jkunu involuti fihom;

… il-ġenituri u l-familji huma riżorsa essenzjali għat-tgħallim tat-tgħalliema;

… l-iżvilupp tal-awtonomija u d-determinazzjoni fuq livell personali fit-tgħalliema kollha hija essenzjali;

… il-kapaċità tat-tgħallim u l-potenzjal ta' kull tgħalliemi għandha tiġi skopruta u stimulata.

*Dan l-għerf essenzjali li nsibuh f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludi …*

… li wieħed jifhem il-valur tax-xogħol kollaborattiv mal-ġenituri u l-familji;

… mudelli ta' żvilupp tipiku u atipiku tat-tifel/tifla flimkien ma' toroq ta' segwitu, b'mod partikolari f'relazzjoni ma' żviluppi ta' ħiliet soċjali u komunikattivi;

… mudelli differenti ta' tgħallim u approċji li t-tgħalliema jistgħu jieħdu fil-fażi tat-tgħallim tagħhom.

*Il-ħiliet kruċjali li għandhom jiġu żviluppati f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

… tkun kommunikatur verbali u mhux-verbali effettiv li jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-komunikazzjonijiet varjati tat-tgħalliema, il-ġenituri u professjonisti oħra;

… insostnu l-iżvilupp tal-ħiliet u l-possibilitajiet tat-tgħalliema;

…jiġu assessjati u mbagħad ż viluppati 'il-ħiliet li wieħed jitgħallem (*kif*) jitgħallem' fit-tgħalliema;

… l-iżvilupp ta' tgħalliema indipendenti u awtonomi;

… l-iffaċilitar ta' approċji kooperattivi ta' tgħallim;

… it-twettiq ta' approċji ta' immaniġġjar ta' mġiba pożittiva li ssostni l-iżvilupp u l-interazzjonijiet tat-tgħalliemi;

… l-iffaċilitar tas-sitwazzjonijiet tat-tgħallim fejn it-tgħalliema jistgħu 'jieħdu riskju' u anke ma jirnexxux f'ambjenti siguri;

… l-użu ta' assessjar għal approċji ta' tgħallim li jagħtu każ it-tgħallim soċjali, emozzjonali kif ukoll akkademiku.

## 2.2 Approċji ta' tagħlim effettiv fi klassijiet etereoġenji

*L-attitudnijiet u l-fehmiet li nsibu f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

… għalliema effettivi huma għalliema għat-tgħalliema kollha;

… l-għalliema jieħdu responsabiltà għall-iffaċilitar tat-tgħallim tat-tgħalliema kollha fi klassi;

… il-ħiliet tat-tgħalliema mhux fissi; it-tgħalliema kollha għandhom il-kapaċità li jitgħallmu u jiżviluppaw;

… it-tgħallim huwa proċess u l-għan għat-tgħalliema kollha huwa l-iżvilupp ta' ħ iliet ta' 'tgħallim biex wieħed jitgħallem', u mhux sempliċiment għerf ta' kontenut/suġġett;

… il-proċess tat-tgħallim huwa essenzjalment l-istil għat-tgħalliema kollha - ftit ħafna huma 'it-tekniki speċjali';

… f'xi okkażjonijiet, diffikultajiet partikolari fit-tgħallim jinħtieġu approċji msejsa fuq adattazzjonijiet għall-kurrikulu u l-approċji tat-tgħallim.

*L-għerf essenzjali u l-fehim li nsibu f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludi …*

… għerf teoretiku fuq il-mod kif it-tgħalliema jitgħallmu u mudelli ta' tagħlim li jsostni l-proċess tat-tgħallim;

… imġiba pożittiva u approċji ta' immaniġġjar tal-klassi;

… immaniġġjar ta' ambjenti fiżiċi u soċjali tal-klassi biex jiġi sostnut it-tgħallim;

… modi kif jiġu identifikati u mbagħad indirizzati xkilijiet differenti għat-tgħallim u l-implikazzjonijiet ta' dawn għall-approċji tat-tagħlim;

… l-iżvilupp ta' ħiliet bażiċi – b'mod partikolari kompetenzi ewlenin – flimkien ma' tagħlim assoċjat mat-tagħlim u approċji ta' assessjar;

… assessjar għal metodi ta' tgħallim iffukat fuq l-identifikazzjonijiet tal-aspetti b'saħħithom tat-tgħalliemi;

… id-differenzazzjoni tal-kontenut tal-kurrikulu, il-proċess tat-tgħallim u l-materjal tat-tgħallim li jinkludi t-tgħalliemi u jlaħħaq mal-ħtiġijiet diversi;

… approċji ta' tgħallim personalizzat għat-tgħalliema kollha li jsostnu t-tgħalliema biex jiżviluppaw l-awtonomija fit-tgħallim tagħhom;

… l-iżvilupp, it-twettiq u l-fehma effettiva tal-Pjanijiet Edukattivi Individwali (IEP) jew programmi simili ta' tgħallim individwalizzat meta jkunu approprji.

*Il-ħiliet kruċjali u l-abiltajiet li għandhom jiġu ż viluppati f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

… it-tħaddim ta' ħ iliet ta' tmexxija fil-livell ta' klassi li jinvolvu approċji sistematiċi għall-immaniġġjar ta' klassijiet pożittivi;

… xogħol ma' tgħalliema individwali kif ukoll gruppi etereoġenji;

… l-użu tal-kurrikulu bħala għodda għal inklużjoni li ssostni aċċess għat-tgħallim;

… l-indirizzar ta' aspetti ta' diversità fil-proċessi tal-iżvilupp tal-kurrikulu;

… metodi differenzjati, kontenut u miri fit-tgħallim;

… ħidma ma' tgħalliema u l-familji tagħhom biex jiġi ppersonalizzat it-tgħallim u l-issettjar tal-miri;

… l-iffaċilitar tat-tgħallim kooperattiv fejn it-tgħalliema jgħinu wieħed lil ieħor b'modi differenti – fosthom it-tutoring bejn il-koetanji f'ġemgħat flessibbli ta' tgħalliema;

… l-użu ta' medda ta' metodi ta' tagħlim u approċji b'modi sistematiċi;

… it-tħaddim tal-ICT u teknoloġija adattiva biex jiġu sostnuti approċji għat-tgħallim flessibli;

… l-użu ta' approċji għat-tagħlim li huma bbażati fuq l-evidenza biex jinkisbu għanijiet ta' tgħallim, rotot alternattivi għat-tgħallim, istruzzjonijiet flessibbli u l-użu ta' feedback ċar għat-tgħalliema;

… l-użu ta' assessjar formattiv u summativ li jsostni t-tgħallim u ma jillejbiljax jew iwassal għal konsegwenzi negattivi għat-tgħalliema;

… is-sehim fis-soluzzjonar ta' problemi ma' tgħalliema, b'mod kollaborattiv;

… l-użu ta' medda ta' ħiliet ta' komunikazzjonijiet verbali u mhux-verbali biex jiġi ffaċilitat it-tgħallim.

**3. Naħdmu Ma' Oħrajn** – il-kollaborazzjoni u x-xogħol f'tim huma approċji essenzjali għall-għalliema kollha.

L-oqsma tal-kompetenza f'dan il-valur ewlieni għandhom x'jaqsmu ma':

- Xogħol mal-ġenituri u l-familji;
- Xogħol ma' medda ta' professjonisti edukattivi oħra.

**3.1 Naħdmu ma' ġenituri u familji**

*L-attitudnijiet u l-fehmiet li nsibu f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

… konxjożità tal-valur miżjud ta' xogħol f'kollaborazzjoni mal-ġenituri u l-familji;

… rispett għall-isfond soċjali u kulturali u l-perspettivi tal-ġenituri u l-familji;

… il-fehim ta' komunikazzjoni effettiva u kollaborazzjoni ma' ġ enituri u familji bħala r-responsabiltà tal-għalliema.

*L-għerf essenzjali u l-fehim li nsibu fil-qasam tal-kompetenza jinkludi …*

… tagħlim inklużiv kif inhu bbażat fuq l-approċju ta' xogħol kollaborattiv;

… l-importanza ta' ħiliet interpersonali;

… l-impatt tar-relazzjonijiet interpersonali fuq il-ksib (achievement) tal-għanijiet tat-tgħallim.

*Il-ħiliet kruċjali u l-abiltajiet li għandhom jiġu ż viluppati f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

… is-sehim effettiv tal-ġenituri u l-familji fis-sostenn tat-tgħallim tat-tifel/tifla;

… il-komunikazzjoni effettiva mal-ġenituri u l-membri tal-familji ta' ambjenti kulturali, etniċi, lingwistiċi u soċjali.

**3.2 Naħdmu ma' medda ta' professjonisti edukattivi oħra**

*L-attitudni u l-fehmiet li nsibu f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

… l-edukazzjoni inklużiva tinħtieġ li l-għalliema kollha jaħdmu f'timijiet;

… kollaborazzjoni, sħubija u xogħol f'tim huma approċji essenzjali għall-għalliema kollha u għandhom jintlaqgħu tajjeb;

… xogħol f'tim kollaborattiv isostni t-tgħallim professjonali ma' u minn professjonijiet oħra.

*It-tagħlim u l-fehim essenzjali li nsibu f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludi …*

… il-valur u l-benefiċċji ta' xogħol kollaborattiv ma' għalliema oħra u professjonisti edukattivi;

… sistemi ta' sostenn u strutturi li jkunu hemm għal aktar għajnuna, xogħol u pariri;

… mudelli ta' xogħol tat-tip multi-agenzjali fejn l-għalliema fi klassijiet inklużivi jikkoperaw ma' esperti oħra u staff minn medda ta' dixxiplini differenti;

… approċji ta' tagħlim kollaborattiv fejn l-għalliema jadattataw approċju ta' tim li jinvolvu fih it-tgħalliema nfushom, il-ġenituri, il-koetanji, għalliema oħra tal-iskola u l-istaff tas-sostenn, kif ukoll il-membri tat-tim multidixxiplinarju, kif ikun meħtieġ;

… il-lingwa/terminoloġija u l-kunċetti bażiċi ta' ħidma kif ukoll il-professjonisti involuti fl-edukazzjoni;

… ir-relazzjonijiet tax-xogħol li jeżistu bejn stakeholders differenti li għandhom jingħataw ir-rikonoxximent u effettivament isir ix-xogħol magħhom.

*Il-ħiliet u l-abiltajiet kruċjali li għandhom jiġu żviluppati f'dan il-qasam jinkludu …*

… it-twettiq ta' tmexxija fil-livell ta' klassi u ħiliet maniġerjali li jiffaċilitaw xogħol effettiv tat-tip multi-agency;

… it-tagħlim flimkien u xogħol f'timijiet ta' tagħlim flessibbli;

… xogħol bħala parti mill-komunità tal-iskola bis-sostenn tar-riżorsi interni u esterni tal-iskola;

… Il-bini ta' komunità ta' klassi li hija parti mill-komunità usa' tal-iskola;

… il-kontribuzzjoni għal evalwazzjoni ta' skola f'livell sħiħ, studji u proċessi ta' żvilupp;

… soluzzjonar ta' problemi b'mod kollaborattiv ma' professjonisti oħra;

… sehim ta' sħubija fil-livell ta' skola ma' skejjel oħra, organizzazzjonijiet tal-komunità u organizzazzjonijiet edukattivi oħra;

… l-użu ta' ħiliet verbali u mhux verbali biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol b'mod kooperattiv ma' professjonisti oħra.

**4. Żviluppi Professjonali Personali** – it-tagħlim huwa attività ta' tgħallim u l-għalliema jieħdu r-responsabiltà għat-tgħallim tul il-ħajja tagħhom.

L-oqsma ta' kompetenza f'dan il-valur ewlieni jorbtu ma':

- Għalliema bħala prattikanti riflessivi;

- Edukazzjoni tal-għalliema fil-livell inizjali bħala l-pedament ta' tgħallim u żvilupp professjonali kontinwu.

**4.1 L-għalliema bħala prattikanti riflessivi**

*L-attitudnijiet u l-fehmiet li nsibu f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

… it-tagħlim huwa attività ta' soluzzjonar ta' problemi li jinħtieġ ippjanar sistematiku u kontinwu, evalwazzjoni, riflessjoni u mbagħad azzjoni modifikata;

…. prattika riflessiva li tiffaċilta lill-għalliema biex jaħdmu b'mod effettiv mal-ġenituri kif ukoll f'timijiet ma' għalliema u professjonijiet oħra li jaħdmu kemm fl-iskola kif ukoll 'il barra minnha;

… l-importanza ta' prattika mibnija fuq l-evidenza li tiggwida l-għalliema fix-xogħol tagħhom;

…. l-ivvalorizzar tal-importanza tal-iżvilupp ta' pedagoġija personali li tiggwida x-xogħol tal-għalliema.

*L-għerf essenzjali u l-fehim li nsibu f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludi …*

… ħiliet personali meta-konoxxittivi, kif ukoll il-ħila li wieħed jitgħallem jitgħallem;

… dak li jagħmel prattikant riflessiv u kif riflessjoni personali fuq dak li jkun jagħmel u fl-azzjoni tista' tiġi żviluppata;

… metodi u strateġiji għall-ivvalorizzar tax-xogħol u l-prestazzjoni tax-xogħol tal-individwu;

… metodi ta' azzjoni ta' riċerka u r-rilevanza tax-xogħol tal-għalliema;

… l-iżviluppi ta' strateġiji personali għal soluzzjonar ta' problemi.

*Il-ħiliet u l-abilitajiet kruċjali li għandhom jiġu żviluppati f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

… evalwazzjoni sistematika tal-prestazzjoni tal-individwu;

… l-involviment ta' ħaddieħor b'mod effettiv fir-riflessjoni fuq it-tagħlim u t-tgħallim;

… il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-iskola bħala komunità ta' tgħallim.

**4.2 L-edukazzjoni inizjali tal-għalliema bħala l-pedament għal tgħallim professjonali kontinwu u żvilupp**

*L-attitudnijiet u l-fehmiet li nsibu f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

… l-għalliema għandhom responsabiltà għall-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom;

… ix-xogħol edukattiv inizjali tal-għalliema huwa l-ewwel pass fit-tagħlim professjonali tal-għalliema tul-il-ħajja;

… it-tagħlim huwa attività neċessarja; il-ftuħ għal tgħallim ta' ħiliet ġodda u li wieħed jistaqsi b'mod attiv għal informazzjoni u pariri hija ħaġa tajba, u mhux dgħjufija;

… għalliem ma jistax ikun espert b'kollox relatat mal-edukazzjoni inklużiva. Għerf bażiku għal dawk li jkunu għadhom jibdew fl-edukazzjoni inklużiva huwa kruċjali, imma t-tagħlim-kontinwu huwa essenzjali;

… il-bidla u l-iżvilupp huwa kostanti fl-edukazzjoni inklużiva u l-għalliema għandhom il-ħtieġa ta' ħiliet biex jimmaniġġjaw u jwieġbu għall-ħtiġijiet u t-talbiet dejjem jinbidlu matul il-karriera tagħhom.

*L-għerf essenzjali u l-fehmiet li hemm bżonn f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludi …*

… il-liġi edukattiva u l-kuntest legali li jaħdmu fih u r-responsabiltajiet u d-dmirijiet lejn it-tgħalliema, il-familji tagħhom, il-kollegi u l-professjoni tal-għalliema f'dak il-kuntest legali;

…. possibiltajiet, opportunitajiet u rotot għal aktar edukazzjoni in-service għall-għalliema biex jiġu żviluppati għerf u ħiliet biex itejbu l-prattika inklużiva.

*Il-ħiliet kruċjali u l-abiltajiet li għandhom jiġu ż viluppati f'dan il-qasam ta' kompetenza jinkludu …*

… flessibiltà fl-istrateġiji tat-tagħlim li tippromwovi innovazzjoni u tgħallim personali;

… l-impjegar ta' strateġiji ta' immaniġġjar ta' ħin li jakkomodaw il-possibiltajiet biex wieħed isegwi opportunitajiet ta' żvilupp in-service;

… li tkun miftuħ u proattiv fl-użu tal-kollegi u professjonisti oħra bħala sorsi ta' tagħlim u ispirazzjoni;

… il-kontribuzzjoni għat-tgħallim f'livell ta' komunità ta' skola sħiħa u proċessi ta' żvilupp.

## IT-TWETTIQ TAL-PROFIL TA' GĦALLIEMA INKLUŻIVI

### Prinċipji Ġenerali

Dawn huma stqarrijiet li juru l-prinċipji ġenerali maqbula li nsibu fil-valuri ewlenin u l-oqsma tal-kompetenzi proposti fil-Profil tal-Għalliema Inklużivi.

1 - Il-valuri u l-oqsma ta' kompetenzi għal skop ta' ħidma fl-edukazzjoni inklużiva huma ta' ħtieġa għall-għalliema kollha, l-istess kif l-edukazzjoni inklużiva hija r-responsabiltà tal-għalliema kollha.

2 - Il-valuri u l-oqsma ta' kompetenza għall-edukazzjoni inklużiva tipprovdi lill-għalliema bis-sisien li jinħtieġu biex jaħdmu ma' tgħalliema b'meded diversi ta' ħ iliet fil-klassi mainstream. Din hija distinzjoni importanti li tmexxi l-foku tal-inklużjoni lil hinn milli tilħaq il-ħtiġijiet tal-gruppi tat-tgħalliema speċifiċi (eż. dawk bi ħtiġ ijiet ta' edukazzjoni speċjali). Il-valuri u l-oqsma tal-kompetenzi jsaħħu l-messaġġ kritiku li edukazzjoni inklużiva hija approċju għat-tgħalliema kollha, u mhux sempliċiment approċju għal grupp partikolari bi ħtiġijiet partikolari.

3 - Il-valuri u l-oqsma ta' kompetenza identifikati għall-ITE f'dan id-dokument hija s-sies tal-attitudnijiet ewlenin, għerf u ħ iliet li jinħtieġu li jibnu fuq it-tħejjija u aktar opportunitajiet għall-edukazzjoni tal-għalliema. L-oqsma ta' kompetenza huma parti integrali mill-kontinwu ta' ż vilupp ta' opportunitajiet professjonali, offruti permezz ta' rotot ta' progressjoni li jinkludu edukazzjoni għal korsijiet minn speċjalisti bi skop ta' edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali (SNE). Dawn l-oqsma ta' kompetenza għandhom jiġu żviluppati b'mod kontinwu fil-karriera professjonali ta' kull għalliem/a.

4 - Il-valuri u l-oqsma ta' kompetenza tal-għalliema kollha jinħtieġu biex jaħdmu f'ambjenti inklużivi mhumiex f'kuntradizzjoni mal-edukazzjoni tal-ispeċjalisti u t-taħriġ għal għalliema SNE li jistgħu jgħinu lill-għalliema fil-livell mainstream fix-xogħol tagħhom. Dawn il-valuri u l-oqsma ta' kompetenza huma l-pedament tax-xogħol kollu tal-għalliema – speċjalisti u fil-livell ġenerali.

5 - Il-valuri u l-oqsma tal-kompetenza deskritti f'dan il-Profil huma wiesgħa bi skop u għan li jsostnu l-iżvilupp tal-għalliema bħala tgħalliema tul il-ħajja u prattikanti riflessivi permezz ta' tgħallim esperjenzjali u riċerka mibnija fuq ir-riċerka.

6 - Il-valuri u l-oqsma ta' kompetenza jistgħu jsostnu l-iżvilupp professjonali tal-għalliema-studenti u jkunu sors ta' gwida għax-xogħol ta' edukaturi ta' għalliema.

7 - Il-valuri u l-oqsma ta' kompetenza għal edukazzjoni inklużiva għandha tidher bħala punt ta' tluq speċifiku għall-iddisinjar u l-ippjanar tal-kors tal-ITE kif ukoll għax-xogħol tal-edukaturi tal-għalliema.

8 - L-integrazzjoni tal-valuri u l-oqsma ta' kompetenza għal edukazzjoni inklużiva fil-ħtiġijiet tal-ITE jinħtieġ li jiġu dibattuti ma' medda wiesgħa ta' stakeholders f'sitwazzjonijiet u kuntesti nazzjonali differenti. Permezz ta' djalogu ta' dan it-tip, l-oqsma tal-kompetenza potenzjalment jistgħu jkunu mekkaniżmu biex inaqqsu d-diskonnessjoni li tidher li teżisti bejn l-għalliema tal-klassi u stakeholders oħra fl-edukazzjoni.

### L-Użu tal-Profil

Qbil ċar fil-proġett tax-xogħol tat-TE4I kien li l-għan tal-ITE kellu jidher bħala li:

- Jiżviluppa l-abiltà ta' għalliema ġodda biex ikunu aktar inklużivi fil-prattika tagħhom;
- Jiżviluppa għalliema ġ odda li huma effettivi fit-tagħlim tagħhom, kif ukoll esperti fil-kontenut tas-suġġett.

Il-Profil tal-Għalliema Inklużivi kien żviluppat biex isostni dan l-għan għall-programmi tal-ITE. Il-valuri ewlenin u l-oqsma ta' kompetenza huma lkoll trasversali – m'għandhomx settur jew foku ta' suġġett. Bl-istess mod, il-valuri ewlenin u l-oqsma ta' kompetenza mhumiex qegħdin hemm biex mod ta' kif wieħed imexxi programm jirbaħ fuq ieħor.

Primarjament, il-Profil tal-Għalliema Inklużivi kien żviluppat bħala gwida għad-disinn u t-twettiq ta' programmi inizjali għall-edukazzjoni tal-għalliema għall-għalliema kollha. Dan mhuwiex skritt ta' kontenut ta' ITE, imma jinħtieġ li jkun meqjus bħala materjal ta' stimulu biex jiġu identifikati kontenuti relevanti, metodi ta' ppjanar u speċifikar ta' miri ta' tgħallim mixtieqa għall-ITE.

L-użu mistenni kien diskuss u maqbul mill-esperti involuti fil-proġett TE4I. Madankollu, id-diskussjonijiet bejn l-istakeholders varji involuti fl-attivitajiet tal-proġett indika li l-Profil seta' wkoll potenzjalment ikun ta' użu f'xenarji oħra. Suġġerimenti għal użi oħra tal-Profil li ngħataw importanza fid-diskussjonijiet dwar il-proġett kienu jinkludu:

- Għall-istudenti għalliema, il-Profil jista' jkun għodda għal skop ta' riflessjoni nifsija. B'mod partikolari l-Profil jista' jservi bħala punt tat-tluq biex jingħelbu esperjenzi ta' esklużjoni personali fl-iskejjel, jiġu rkaċċjati attitudnijiet importanti, oqsma ta' għerf-għarfien u ħiliet li studenti għalliema jinħtieġu biex jirriflettu kritikament dwarhom bil-għan li jisfidaw l-isterjotipi li jista' jkollhom;

- Għall-edukaturi tal-għalliema, il-Profil jista' jkun għodda ta' diskussjoni li tintuża fil-kostruzzjoni u d-dikostruzzjoni ta' mindsets ta' tgħalliema u edukazzjoni inklużiva bħala approċju għat-tgħalliema kollha. Il-Profil jista' jkollu jservi bħala gwida għax-xogħol innifsu tal-edukaturi tal-għalliema ma' studenti b'medda ta' ħtiġijiet diversi;

- Għall-għalliema prattikanti, il-Profil jista' jintuża bħala gwida biex jiġu identifikati l-prijoritajiet personali għal attivitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu;

- Għall-mexxejja fl-iskejjel, il-Profil għandu jidher bħala gwida għat-tħejjija tal-għalliema u żvilupp kontinwu professjonali għat-tul, marbut ma' proċessi ta' żvilupp fil-livell ta' skola sħiħa;

- Għal min iħaddem fil-qasam edukattiv, il-Profil għandu jipprovdi gwida għall-ingaġġ, l-identifikar ta' dawk il-professjonisti li huma mħejjija tajjeb biex jaħdmu fl-iskejjel. Il-Profil jista' wkoll potenzjalment jgħin fil-prijoritajiet għal żvilupp professjonali fit-tul ta' professjonisti oħra jaħdmu fl-iskejjel (eż. psikologi u counsellors edukattivi).

Dan is-suġġeriment tal-aħħar jirrifletti aspett rikurrenti mqajjem minn ħafna stakeholders fix-xogħol tal-proġett – il-valuri ewlenin proposti fil-Profil b'mod partikolari mhux biss huma ta' importanza kbira għall-għalliema kollha, imma huma wkoll essenzjali għax-xogħol tal-mexxejja tal-iskejjel, l-edukaturi tal-għalliema, professjoni edukattivi oħra u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

### Fatturi li jsostnu t-twettiq tal-Profil

Matul it-tliet snin ta' attivitajiet tal-proġett, ħafna intoppi fit-twettiq tal-edukazzjoni tal-għalliema għal inklużjoni kienu identifikati u diskussi. Madankollu, huwa ċar mix-xogħol li diġà għaddej fil-pajjiżi li approċji innovattivi li jipprovdu soluzzjonijiet għal xkilijiet potenzjali jeżistu tassew. Bħala riżultat tal-konsiderazzjoni ta' prattika innovattiva ta' dan it-tip u kif ukoll bħala riżultat ta' diskussjonijiet speċifiċi ma' stakeholders dwar il-Profil tal-Għalliema Inklużivi, għadd ta' fatturi ewlenin li jsostnu t-twettiq ġew identifikati. Dawn il-fatturi ma jkoprux biss l-użu possibbli tal-Profil fi ħdan l-edukazzjoni inizjali tal-programmi tal-għalliema, imma wkoll oqsma usa' marbuta mal-policy u l-prattika fl-iskejjel u l-edukazzjoni tal-għalliema.

F'dawn is-sezzjoniiet dawn il-fatturi ta' sostenn ewlenin huma direttament marbuta mal-qafas ta' tmien oqsma ta' rakkomandazzjonijiet għall-ITE ippreżentati fir-rapport-sintenzi tal-proġett tat-TE4I (jekk jogħġbok ara http://www.european-agency.org/publications/ereports/te4i-challenges-and-opportunities/te4i-challenges-and-opportunities għal aktar dettalji).

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-proġett juru b'mod ċar l-oqsma tal-prijorità għal żviluppi futuri fl-ITE fl-Ewropa. Il-fatturi identifikati mill-istakeholders tal-proġett bħala li huma kruċjali biex isostnu t-ttwettiq tal-Profil, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala fatturi li jgħinu biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapport-sinteżi.

*1. Fatturi marbuta mal-edukazzjoni tal-għalliema*

*1.1 Ingaġġ ta' kandidati għalliema tal-ITE*

- L-ivvalorizzar tad-diversità tal-istudenti għalliema għandha tkun valur ewlieni rifless fil-policy u x-xogħol tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni tal-għalliema;

- L-omoġeneità apparenti tal-ambjenti tal-istudenti fl-ITE għandhom jiġu kkunsidrati. Il-ħtiġijiet biex wieħed jidħol fl-ITE u l-istrateġiji tal-ingaġġ jinħtieġu studju bir-reqqa jekk aspetti tad-diversità tal-istudenti jridu jiġu indirizzati. Rotot flessibbli fit-tagħlim, bil-għan li jiġbdu għalliema kandidati minn ambjenti diversi b'medda ta' esperjenzi kulturali u soċjali għandhom jiġu ż viluppati. B'mod partikolari, ir-rotot fit-tagħlim li jsostnu l-ingaġġ tal-istudenti b'diżabilità (kif deskritt fl-UNCRPD 2006) għandhom jiġu kkunsidrati.

*1.2 Programmi ITE*

- Għan ewlieni għall-ITE għandu jkun li jgħin lill-istudenti għalliema biex jiżviluppaw it-teorija pedagoġika personali tagħhom mibnija fuq ħ sieb kritiku u ħ iliet analitiċi li huma konsisteni mal-għerf, il-ħiliet u l-valuri riflessi fil-kompetenzi. Huma għandhom ukollljiżviluppaw apprezzament tar-rwol usa' tal-għalliem/a f'relazzjoni mal-iskola bħala komunità ta' tgħallim.

- In-normi u l-valuri kulturali li l-istudenti għalliema jġibu mal-ITE tagħhom għandhom jintqiesu bħala punt ta' tluq neċessarju għal għerf u akkwist ta' ħila. L-edukazzjoni inizjali tal-għalliema għandha tibni fuq l-esperjenzi ta' inklużjoni li l-istudenti jġibu magħhom, u fejn ikun hemm bżonn, ikissru ċ-ċiklu tal-esperjenzi personali ta' edukazzjoni segregata. Tinħass il-ħtieġa għal attivitajiet li jisfidaw stereotipi ta' kull tip u li tiġi żviluppata sensittività mibnija fuq fehim fil-qiegħ ta' aspetti li għandhom x'jaqsmu mad-diversità u l-abiltà li wieħed japplika dan il-fehim fl-azzjoni.

- L-istudenti għalliema jeħtieġu esperjenza minn ras il-għajn ta' ħ idma ma' tgħalliema bi ħtiġijiet differenti u għalliema li huma mħarrġa f'li jaħdmu f'ambjenti inklużivi. L-istudenti għalliema jinħtieġ li jaraw it-teorija fil-prattika waqt l-opportunitajiet ta' żvilupp professjonali u jkollhom l-opportunitajiet ta' allokament f'ambjenti inklużivi.

- It-tluq lil hinn minn mod kif wieħed iħares lejn il-kurrikulu tal-iskola bħala li jkun bbażat fuq is-suġġett, lejn approċji ta' tagħlim u tgħallim ta' xeħta kross-kurrikulari li jkun jirrifletti ruħu sew fl-ITE. Il-kurrikulu għall-ITE għandu jkun ibbażat fuq mudell ta' infużjoni ta' prattika inklużiva fis-suġġetti u l-oqsma ta' kontenut kollha. Kurrikulu ta' dan it-tip ikun jinħtieġ li:

- Ikun ibbilanċjat b'kontribuzzjonijiet speċjalisti li jqisu l-ħtiġijiet partikolari tat-tgħallim tal-individwi u l-gruppi li jkollhom ċ -ċans li jiġu esklużi minn edukazzjoni mainstream;
- Jisfidaw lill-istudenti-għalliema billi jagħtuhom iċ-ċans li jesperjenzjaw xkilijiet għat-tgħallim, kif ukoll opportunitajiet għas-suċċess f'sitwazzjonijiet ta' soluzzjonar ta' problemi mill-ħajja reali.

- Hemm il-ħtieġa li wieħed jaspira għal 'valuri f'azzjoni' f'ITE fejn il-valuri ewlenin u l-oqsma ta' kompetenza jintwerew minn studenti-għalliema f'aspetti differenti tal-istudji tagħhom u l-prattika tat-tagħlim. L-assessjar ta' valuri ewlenin u l-oqsma tal-kompetenza essenzjalment tinħtieġ assessjar għal approċju ta' tagħlim fl-ITE. B'mod partikolari l-attitudnijiet, l-għerf u l-ħiliet fl-oqsma ta' kompetenza għandhom jiġu evidenzjati b'modi differenti u permezz ta' assessjar differenti, bħalma huma l-assessjar personali, assessjar ma' ħaddieħor bejn l-istudenti, il-koetanji tagħhom, il-mentors u t-tuturi, kif ukoll portfolios ta' evidenza.

*1.3 Ix-xogħol ta' edukaturi ta' għalliema*

- Il-valuri ewlenin u l-oqsma tal-kompetenza deskritti fil-Profil ta' Għalliema Inklużivi huma applikabbli għax-xogħol tal-edukaturi tal-għalliema kollha tal-ITE. L-edukaturi tal-għalliema għandhom jimmudellaw l-valuri ewlenin u l-oqsma tal-kompetenzi fix-xogħol tagħhom mal-istudenti. B'mod partikolari għandhom il-ħtieġa li jivvalorizzaw id-diversità u effettivament jgħinu lill-istudenti jitgħallmu fl-użu ta' medda ta' approċji ta' tagħlim u assessjar. Għandhom ukoll iwettqu xogħol kooperattiv mal-istaff li jkun ibbażat fl-iskola kif ukoll bħala edukaturi tal-għalliema minn dixxiplini u / jew suġġetti oħra.

- L-edukaturi tal-għalliema għandhom jaraw lilhom infushom bħala tgħalliema tul il-ħajja. Għandhom ikunu attivi u sostnuti biex isegwu opportunitajiet ta' ż vilupp professjonali kontinwu fil-karriera tagħhom li jtejbu x-xogħol tagħhom bħala edukaturi ta' għalliema inklużivi.

- Biex b'mod effettiv isostnu studenti biex ikunu għalliema inklużivi, l-edukaturi kollha tal-għalliema jinħtieġ ukoll ikollhom esperjenza fil-kompetenza f'dak li jirrigwardja l-għerf, il-ħiliet u l-valuri, b'mod partikolari f'każijiet fejn ma jkollhomx esperjenza diretta li jaħdmu ma' tgħalliema bi ħtiġijiet differenti. Idealment, opportunitajiet ta' żvilupp professjonali għal edukaturi ta' għalliema għandhom jinkludu attivitajiet ta' qawmien ta' konxjożità li jkunu jiffukaw fuq aspetti ta' diversità. Madankollu, kontribuzzjonijiet diretti u esperjenzi ta' xogħol fl-edukazzjoni inklużiva jistgħu wkoll ikunu neċessarji jekk l-edukaturi tal-għalliema għandhom effettivament jimmudellaw l-valuri ewlenin u l-oqsma tal-kompetenzi li nsibu fil-Profil u jkunu effettivament kapaċi jikkomunikaw mal-istudenti 'il-x'inhu, il-kif u l-għalfejn' tat-tagħlim tat-tgħalliema bi ħtiġijiet diversi.

*1.4 Kollaborazzjoni bejn skejjel u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ta' għalliema*

- Biex l-istudentivgħalliema jaċċessaw il-meded neċessarji ta' esperjenzi partikolari fl-iskejjel, l-istrutturi u r-riżorsi tal-edukazzjoni tal-għalliema, l-istituzzjonijiet jinħtieġ li jiffaċilitaw ix-xogħol f'tim bejn l-edukaturi tal-għalliema u l-professjonisti minn medda ta' skejjel differenti, kif ukoll bħala l-komunità usa'.

- Ir-rwoli differenti tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla (HEI) u l-mentors / għalliema li jkunu bbażati fl-iskejjel li jimmudellaw prattika inklużiva ma' allokament ta' studenti; jinħtieġ ukoll li jingħata każ tagħhom, biex jiġu sostnuti studenti għalliema, kif suppost, f'medda ta' ambjenti; u biex jingħenu biex jikkontribwixxu għal varjetà ta' attivitajiet ta' komunità ta' skejjel (mhux sempliċiment tagħlim fil-klassi); l-istaff li jkun hemm l-iskola għandu juża l-approċji li nsibu fil-Profil tal-Għalliema tal-Inklużjoni. Dan ikun jinħtieġ li huma nfushom ikollhom opportunitajiet ta' żvilupp professjonali.

*2. Fatturi li jorbtu ma' policy għal għalliema u edukazzjoni inklużiva*

*2.1 Approċju sistematiku*

- Ir-rwol tal-għalliema f'li jwasslu biex l-edukazzjoni inklużiva sseħħ tassew fil-klassi hija kruċjali. Madankollu, l-għalliem inklużiv mhuwiex l-uniku komponent fil-proċess li jiżviluppa skejjel inklużivi; u r-rwol tagħhom huwa li jkunu parti minn approċju sistematiku. Approċju

ta' dan it-tip jiffoka fuq l-assigurar tad-drittijiet tat-tgħalliema, kif ukoll l-istabbilar ta' sostenn ta' strutturi u riżorsi li jiffaċilitaw it-twettiq ta' dawk id-drittijiet fil-livelli kollha edukattivi.

- Il-policy makers fil-livell reġjonali u nazzjonali għandhom rwol kruċjali fil-bini ta' viżjoni għal edukazzjoni inklużiva li hija mbagħad trasferita f'oqfsa ta' policy koordinata għal skejjel u l-edukazzjoni ta' għalliema. L-edukazzjoni tal-għalliema u l-policies tal-iskejjel għandha tkun żviluppata permezz tal-użu ta' riċerka li tkun mibnija fuq l-evidenza. Dawn il-policies għandhom jiġu alineati u krossriferenzjati biex b'hekk jgħinu lil xulxin u jaħdmu lejn l-istess għanijiet.

- Il-policy istituzzjonali għall-ITE għandha tkun iggwidata minn viżjoni ċara tal-HEIs bħala organizzazzjonijiet ta' tgħallim inklużiv. Ir-rwol tas-senior managers fl-ifformular, il-komunikazzjoni u mbagħad it-twettiq ta' viżjoni ta' dan it-tip hija kruċjali. Il-ħtiġijiet ta' policy istituzzjonali biex jippromwovu approċju li jirfed, fl-edukazzjoni inklużiva fil-programmi kollha. L-edukazzjoni inklużiva tinħtieġ li tkun trasversali fis-suġġetti u s-setturi kollha, u bħala riżultat, il-policy għal ħtiġ ijiet ta' ITE li tagħti importanza lill-implikazzjonijiet fuq aspetti oħra trasversali, bħalma huma l-ingaġġ u l-iżvilupp professjonali tal-edukaturi tal-għalliema.

- L-omoġeneità fil-workforce tal-edukazzjoni tal-għalliema tinħtieġ livelli simili ta' konsiderazzjoni bħal dik tal-omoġenietà fil-popolazzjoni tal-istudenti. L-istudenti tal-ITE jinħtieġu mudelli ta' rwol – edukaturi ta' għalliema u min jieħu d-deċiżjoni – li jirriflettu fuq id-diversità tas-soċjetà. Strateġiji ta' reklutaġġ fl-HEIs għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa li jirriflettu d-diversità tas-sħubija tal-komunità lokali.

- L-edukaturi tal-għalliema għandhom ħtieġa ta' opportunitajiet għal żvilupp professjonali – li jinkudu t-tħejjija, il-mentoring u CPD kontinwu – li jsostni x-xogħol tagħhom bħala edukaturi ta' għalliema inklużivi li jimmudellaw l-valuri ewlenin u l-oqsma ta' kompetenzi li nsibu fil-Profil.

*2.2 Ċarezza tal-lingwa u terminoloġija*

- Definizzjonijiet komuni u fehim dwar il-kunċetti ewlenin għal edukazzjoni inklużiva jnħtieġu, u dan bil-għan li jkun hemm it-twettiq tagħhom. Il-kollaborazzjoni bejn l-istakeholders differenti fl-edukazzjoni inklużiva tista' twassal biex jiġu ffaċilitati kunċetti maqbula li jkunu l-qofol tal-valuri ewlenin u l-oqsma ta' kompetenza fil-Profil ta' Għalliema Inklużivi.

- L-edukazzjoni inklużiva għandha tidher bħala approċju għat-tgħalliema kollha. Il-foku tax-xogħol tal-għalliema għandu jkun fuq li jintrebħu x-xkilijiet għat-tgħallim tat-tgħalliema kollha. Dan jinvolvi t-tluq lil hinn milli wieħed jara l-inklużjoni bħala approċju għal minorità ta' tgħalliema, ibbażata fuq l-identifikazzjoni tad-differenzi tagħhom, jew kunsiderazzjoni ta' llejbiljar li jista' jkollu konsegwenzi negattivi għat-tgħalliema.

*2.3 Kontinwu ta' sostenn għall-għalliema*

- It-twettiq ta' edukazzjoni inklużiva għandha tidher bħala xogħol kollettiv, bi stakeholders differenti, kull wieħed bi rwoli u responsabilitajiet li għandu jwettaq. Is-sostenn li l-għalliema tal-klassi jinħtieġ li jagħmlu biex iwettqu r-rwoli tagħhom jinkludu aċċess għall-istrutturi li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u x-xogħol f'tim ma' medda ta' professjonisti differenti (fosthom dawk li jaħdmu fl-HEIs), kif ukoll opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu.

- Il-valuri ewlenin u l-oqsma ta' kompetenza għandhom jidhru bħala gwida għal edukazzjoni kontinwa ta' għalliema u opportunitajiet ta' żvilupp professjonali. L-induzzjoni u l-mentoring ibbażat fl-iskola, l-iżvilupp professjonali kontinwu (CPD) u rotot ta' progressjoni ta' edukazzjoni speċjalizzata għandhom jiġu alineati mal-valuri ewlenin li jippromwovu l-edukazzjoni tal-għalliema fil-fażi inizjali. L-oqsma tal-kompetenza li nsibu fil-

Profil għandha tintqies f'approċju ta' tgħallim spirali li għandha terġa' tiġi użata mill-ġdid, f'attivitajiet ta' żvilupp professjonali ieħor u tintqies mill-ġdid f'livelli ta' tgħallim u fehim ta' livelli dejjem ogħla.

- Opportunitajiet ta' żvilupp professjonali għal għalliema prattikanti li ma jkunux ħadmu f'edukazzjoni inklużiva għandhom jiġu ggwidati wkoll minn valuri ewlenin u oqsma ta' kompetenza li nsibu fil-Profil.

- Opportunitajiet ta' żvilupp professjonali għal mexxejja ta' skejjel għandhom ikunu ggwidati minn prinċipji ta' edukazzjoni inklużiva li tkun marbuta mal-valuri ewlenin ippreżentati fil-Profil. L-attitudnijiet tal-mexxejja tal-iskejjel u l-fehmiet dwar l-inklużjoni huma kritiċi biex jiġi determinat kemm il-kultura organizzattiva fl-iskejjel hija alineata mal-valuri ewlenin li nsibu fil-Profil.

*2.4 Miżuri ta' kontabiltà alineati ma' prinċipji inklużivi*

- L-għalliema u l-edukaturi tal-għalliema għandhom jaħdmu ma' organizzazzjonijiet – skejjel u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tal-għalliema – li huma komunitajiet ta' tgħallim. Komunitajiet ta' dan it-tip jivvalorizzawhom bħala professjonisti u jsostnu x-xogħol tagħhom permezz ta' viżjoni ċara u kultura mxierka li tippromwovi edukazzjoni inklużiva fil-livelli kollha.

- Il-proċessi kollha tal-iżvilupp fil-livell tal-iskola u l-edukazzjoni tal-għalliema għandhom jeżaminaw il-policy organizzattiva u l-prattika f'relazzjoni mal-inklużjoni. Permezz ta' proċeduri ta' mmaniġġjar trasparenti ta' kwalità, l-għalliema u l-edukaturi tal-għalliema għandhom ikunu sostnuti biex jikkontribwixxu għall-evalwazzjoni u l-iżvilupp ta' prattika ta' xogħol organizzattiv li jsostni valuri mxierka ta' tgħallim f'ambjenti inklużivi.

- Miżuri ta' kontabiltà u proċessi għandhom jagħrfu x-xogħol tal-għalliema u l-edukaturi tal-għalliema mat-tgħalliema kollha. Miżuri ta' dan it-tip għandhom jagħtu każ tal-medda diversa tal-kisbiet possibbli tat-tgħallim u mhux jiffukaw fuq interpretazzjonijiet limitati ta' suċċess akkademiku.

*Kummenti finali*

Il-fatturi li jsostnu t-twettiq tal-Profil ippreżentati hawn mhumiex kollha kemm huma. Dawn huma relevanti għall-kuntesti u s-sitwazzjonijiet kollha u hemm il-ħtieġa li jiġu esplorati l-implikazzjonijiet tat-twettiq tal-Profil f'aktar dettall fil-kuntesti tal-pajjiżi. Madankollu, sommarju tal-proposti maqbula bejn l-esperti tal-proġett u l-istakeholders bħala riżultat tad-diskussjonijiet tal-proġett se jsir hawn.

Il-Profil ta' Għalliema tal-Inklużjoni jiddeskrivi l-valuri ewlenin u l-oqsma ta' kompetenza li l-għalliema jaħdmu fl-iskejjel, kif ukoll dawk li jħejjuhom, għandhom juru fix-xogħol tagħhom mat-tgħalliema. Ix-xogħol ta' għalliem ta' inklużjoni jinħtieġ ukoll li jkun sostnut minn professjonisti edukattivi oħra, kultura ta' skola u organizzazzjoni u qafas ta' policy għal edukazzjoni li flimkien, ilkoll jiffaċilitaw l-inklużjoni. Mudell ta' dan it-tip għandu ċarament jirrifletti fl-ITE, u idealment jifforma parti minn rotta ta' progressjoni permezz ta' opportuntajiet CPD li huma meqjusa bħala aspetti ċentrali ta' tgħallim tul il-ħajja.

## BAŻIJIET KUNĊETTWALI TAL-PROFIL

Il-Profil ta' Għalliema Inklużivi żviluppat fil-proġett tal-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni jippreżenta l-valuri ewlenin u l-oqsma ta' kompetenzi maqbula, meħtieġa għall-għalliema kollha biex dawn jaħdmu għall-iskop ta' edukazzjoni inklużiva. Tliet parametri ntużaw biex jiggwidaw l-iżvilupp tal-profil:

1 - L-inklużjoni hija essenzjalment approċju mibni fuq prinċipji, ibbażat fuq id-drittijiet għal edukazzjoni li għandha titmexxa minn għadd ta' valuri ċentrali;

2 - Hemm diffikultajiet prattiċi u kunċettwali fl-iffukar fuq kompetenzi iżolati, għal tagħlim fl-edukazzjoni inklużiva u għall-Profil, biex ikun relevanti għal pajjiżi u stakeholders differenti; approċju wiesa' għall-idea bil-għan li jintużaw l-kompetenzi hu meħtieġ;

3 - Il-prijoritajiet politiċi u l-effetti fuq policies soċjali fi ħdan pajjiżi individwali ma jistgħux jiġu injorati, imma hemm qafas ta' policy fuq livell internazzjoni u l-Unjoni Ewropea li għalih il-pajjiżi kollha jissottoskrivu li jimpatta fuq l-edukazzjoni inklużiva u l-edukazzjoni tal-għalliema.

Kull wieħed minn dawn il-parametri huwa deskritt f'dawn is-sezzjonijiet li ġejjin għax huma jipprovdu l-bażi kunċettwali essenzjali għall-Profil ta' għalliema Inklużivi.

### Approċju bbażat fuq l-valuri għal skop ta' edukazzjoni ta' inklużjoni

Fl-Istrateġija Ewropea 2020 (http://ec.europa.eu/europe2020/index_en.htm) wieħed mill-miri ewlenin, jirrelata mal-edukazzjoni. Din il-mira tagħfas b'mod ċar fuq l-importanza tal-valuri f'sistemi edukattivi Ewropej: 'Fil-perjodu sal-2020, il-mira ewlenija tal-kooperazzjoni Ewropea għandha tkun li ssostni aktar żvilupp fl-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ fl-Istati Membri li għandhom l-għan li jassiguraw:

a) ir-realizzazzjoni personali taċ-ċittadini fuq livell personali, soċjali u professjonali;

b) il-prosperità u l-impjegabilità ekonomikament sostenibbli, filwaqt li tippromwovi valuri demokratiċi, koeżjoni soċjali, ċittadinanza attiva, u djalogu interkulturali.' (Konklużjonijiet tal-Kunsill, 2009, p. 3)

Il-Qafas Strateġiku tal-ET 2020 jagħmel erba' objettivi strateġiċi għall-edukazzjoni u t-taħriġ fl-għaxar snin li ġejjin. Objettiv strateġiku 3 jiffoka fuq: Il-promozzjoni tal-ekwità, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva – f'dan l-objettiv, l-importanza tal-valuri tingħata l-importanza tagħha: 'L-edukazzjoni għandha tippromwovi kompetenzi interkulturali, valuri demokratiċi u rispett għad-drittijiet fundamentali u l-ambjent, kif ukoll tikkumbatti kull forma ta' diskriminazzjoni, u tgħin lin-nies ta' età żagħżugħa biex jinteraġixxu pożittivament mal-koetanji tagħhom minn ambjenti diversi.' (p.4)

Fir-rapport fuq l-Konferenza Internazzjonali għall-Edukazzjoni Inklużiva 2008, huwa argumentat li: 'L-edukazzjoni inklużiva hija mibnija fuq serje ta' konċezzjonijiet u valuri dwar it-tip ta' soċjetà li għandha tinbena u l-persuna ideali li għandha tiġi żviluppata. Jekk aħna rridu li jkollna aktar soċjetajiet inklużivi, li huma aktar fil-paċi u jirrispettaw id-differenzi, huwa importanti li l-istudenti jkollhom l-opportunità li jiżviluppaw u jesperjenzaw dawn il-valuri fl-edukazzjoni tagħhom, kemm fl-iskejjel kif ukoll ambjenti mhux-formali.' (p.11)

Jidher ċar li l-ħsieb illum il-ġurnata mar lil hinn mill-idea magħluqa ta' inklużjoni bħala mezz kif wieħed jifhem u jirbaħ defiċit; u llum huwa aċċettat bis-sħiħ li l-inklużjoni għandha rabta mal-gender, l-etniċità, il-klassi, il-kundizzjonijiet soċjali, is-saħħa u d-drittijiet umana li jiġbru fihom l-involviment universali, l-aċċess, il-parteċipazzjoni u s-suċċess (achievement). (Ouane, 2008)

Artiklu 24 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabiltà (2006) jenfasizza li n-nies b'diżabiltà għandhom dritt għall-edukazzjoni. Barra minn hekk, jgħid ukoll: 'Partiti tal-Istati jagħrfu d-dritt ta' persunali b'diżabiltà għal edukazzjoni. Bil-għan li jiġi rikonoxxut dan id-dritt mingħajr diskriminazzjoni u fuq il-bażi ta' opportunità ta' ugwaljanza, il-Partiti tal-Istati jassiguraw sistema ta' edukazzjoni inklużiva fil-livelli kollha u tgħallim tul il-ħajja dirett lejn: L-iżvilupp sħiħ tal-potenzjal uman u s-sens ta' dinjità u l-valur-nifsi kif ukoll it-tisħiħ tar-rispett tad-drittijiet umani, il-libertajiet fundamentali u d-diversità umana;' (p.17)

Madankollu, il-UNESCO u l-UNICEF (2007) jargumentaw li: 'Id-dritt għall-edukazzjoni jinħtieġ impenn li jassigura aċċess universali, li jinkludi li jittieħdu l-miżuri biex jintlaħqu dawk it-tfal l-aktar emarġinati. Imma li wieħed jidħol fl-iskejjel mhuwiex biżżejjed; mhijiex garanzija ta' edukazzjoni li tgħin lill-individwi biex jiksbu l-objettivi ekonomiċi u soċjali tagħhom u biex jakkwistaw ħiliet, għerf, valuri u attitudnijiet li jġibu magħhom ċittadinanza responsabbli u attiva.' (p.27)

Edukazzjoni inklużiva, mibnija fuq id-drittijiet għat-tgħalliema kollha tinħtieġ approċju ħolistiku u din tinħtieġ formazzjoni ta' għalliema li jmorru lil hinn mis-sempliċi għoti ta' kontenut. Il-UNESCO (2008) tgħid li: 'L-applikazzjoni ta' approċju ta' edukazzjoni mibnija fuq id-drittijiet biex b'hekk wieħed jimxi lejn l-inklużjoni jinħtieġ riforma ta' sistema ta' skola komprensiva li tinkludi modifikazzjoni ta' garanziji kostituzzjonali u policies, kurrikula, sistemi ta' taħriġ ta' għalliema, materjali, ambjenti ta' tgħallim, metodoloġiji, allokazzjoni ta' riżorsi, eċċ. Dan kollu, ikun jinħtieġ bidla fl-attitudnijiet tan-nies kollha, matul is-sistema, biex tagħti merħba lid-diversità u d-differenza u tara dawn bħala opportunitajiet aktar milli bħala problemi.' (p. 29)

L-edukazzjoni inklużiva hija kunċett-umbrella li jimpatta fuq policies differenti u t-twettiq ta' approċji f'edukazzjoni obbligatorja, ogħla u tal-għalliema. L-għanijiet ta' edukazzjoni inklużiva jinkisbu f'ambjenti u sistemi li jivvalorizzaw lil kulħadd b'mod indaqs u jaraw l-iskejjel bħala riżorsi ta' komunità. L-edukazzjoni inklużiva tikkonċerna lit-tgħalliema kollha u għandha l-għan li żżid is-sehim bis-sens tal-individwi fl-opportunitajiet tat-tgħallim u li tirriduċi l-esklużjoni tagħhom mill-edukazzjoni u s-soċjetà inġenerali.

Fil-qosor, l-edukazzjoni inklużiva hija essenzjalment approċju msejjes fuq prinċipji u drittijiet li għandu għadd ta' valuri ċentrali: ekwalità, parteċipazzjoni, żvilupp u komunitajiet li jsostnu u jirrispettaw id-diversità. Il-valuri li jkollu għalliem huma aspett essenzjali fl-azzjonijiet tiegħu / tagħha. *Ir-Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà* (2011) jissuġġerixxi li: 'It-taħriġ approprju tal-għalliema mainstream huwa kruċjali jekk għandhom ikunu kunfidenti u kompetenti fit-tagħlim ta' tfal bi ħtiġijiet diversi.' (p.222). Ir-rapport ċarament jenfasizza l-ħtieġa għal dan it-taħriġ li jkun iffukat fuq attitudnijiet u valuri, u mhux biss fuq għerf u ħiliet.

L-Attività tat-Tgħallim Koetanju (2011) li ċċentra fuq l-Iżvilupp Professjonali tal-Għalliema (2011) jissuġġerixxi li 'mhux kull aspett tat-tagħlim jista' jiġi deskritt jew definit; aspetti bħalma huma l-valuri professjonali tal-għalliema, id-dispożizzjonijiet u l-attitudnijiet jistgħu jkunu daqs aspetti oħra li jistgħu jitkejlu u kwantifikabbli.' (p.7). Ir-rapport jissuġġerixxi li fl-Ewropa: 'Komponenti ta' kompetenzi ta' għalliema ħafna drabi jinkludu: għerf, ħiliet u valuri.' (p. 10)

Il-punt tat-tluq neċessarju biex jiġu esplorati kompetenzi ta' għalliema għal edukazzjoni inklużiva kien hemm qbil fuqha bħal valur ewlieni. L-erba' valuri ewlenin dwar it-tagħlim u t-tgħallim għat-tgħalliema kollha identifikati fil-proġett TE4I – jivvalorizzaw id-diversità tat-tgħalliema, isostnu lit-tgħalliema kollha, jaħdmu ma' oħrajn flimkien ma' żvilupp professjonali personali – huma l-pedament għall-għalliema kollha biex jiksbu għerf, jiżviluppaw fehim u jwettqu l-ħiliet neċessarji biex jaħdmu f'edukazzjoni inklużiva.

Fil-proġett huwa argumentat li dawn il-valuri ewlenin:

- Huma prinċipji li jistgħu jiġu evidenzjati fl-azzjonijiet tal-għalliema;
- Isir 'għerf prattiku msaħħaħ mit-teorija' bħala riżultat ta' opportunitajiet ta' tgħallim ippreżentati waqt il-korsijiet tal-edukazzjoni għall-għalliema.

**Oqsma ta' kompetenzi skont l-approċju mħaddem**

Il-valuri ewlenin identifikati bħala kritiċi għall-għalliema kollha li jaħdmu f'edukazzjoni inklużiva intużaw bħala l-bażi għall-identifikar tal-kompetenzi essenzjali li l-għalliema kollha jinħtieġu biex jaħdmu f'edukazzjoni inklużiva. Il-foku tal-proġett fuq il-kompetenzi tal-għalliema kien rikjest minn rappreżentanti tal-pajjiżi tal-Agency u huwa sostnut minn xogħol fil-livelli nazzjonali u internazzjonali.

Fil-livell internazzjonali, ir-rapport tal-OECD (2005) *Materjal ta' Tagħlim* jidentifika: medda ta' kompetenzi personali li jagħmlu d-differenza għall-kwalità u l-effettività fit-tgħallim (p.100). Il-kompetenzi potenzjali identifikaw foku fuq l-għerf tas-suġġett u medda ta' ħiliet trasversali (bħalma huma l-komunikazzjoni, l-awtoġestjoni, il-ħiliet organizzattivi u għal skop ta' soluzzjonar ta' problemi).

Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li jipparteċipaw fil-proġett qegħdin jikkunsidraw il-kompetenzi tal-għalliema bħala jew HEI jew livell ta' policy nazzjonali. Sommarju tal-użu tal-kompetenzi fuq ITE hija ppreżentata f'Anness 1. (Din l-informazzjoni hija taqsira mir-rapporti tal-proġett tal-pajjiżi u tinkiseb minn: http://www.european-agency.org/agency-projects/teacher-education-for-inclusion/country-info)

Madankollu, wieħed irid jirrikonoxxi l-fatt li l-fehim ta' kompetenzi u/jew l-applikazzjoni tagħhom fl-ITE b'mod ġenerali jiddifferixxi ħafna bejn pajjiżi differenti. F'dan il-proġett, kien il-każ li pajjiżi differenti mhux biss identifikaw kompetenzi essenzjali differenti għall-għalliema, imma wkoll interpretaw it-terminu kompetenzi b'modi differenti.

Fir-rapport tal-proġett-sinteżi TE4I huwa propost li: *it-terminu 'kompetenzi' u 'standards' ma jiħdux post xulxin* u riżultat ta' diskussjonijiet ta' proġett, dawn id-definizzjonijiet kien hemm qbil fuqhom mill-esperti għal skop ta' użu fil-proġett TE4I:

*L-istandards* b'mod ġenerali jirreferu għal sett ta' miżuri li fuqhom korsijiet tal-edukazzjoni / studenti għalliema/għalliema/jistgħu jiġu evalwati l-eżiti summattivi fl-aħħar tal-programm tal-istudju.

*Il-kompetenzi* jidhru bħala li ż viluppaw maż-żmien bi studenti u għalliema tal-ITE juru ħakma progressiva f'medda ta' ambjenti u sitwazzjonijiet. Bħala tali, huma jiffurmaw kemm il-pedament għall-ITE u l-bażi għal ż vilupp professjonali kontinwu. (Rapport tal-Proġett-sinteżi TE4I, 2011, p. 46)

Waqt id-dibattiti tal-proġett, esperti tal-pajjiżi lkoll qablu li hemm diffikultajiet prattiċi u kunċettwali li jiffukaw fuq 'kompetenzi iżolati għat-tagħlim' u għafsu fuq il-ħtieġa ta' kawtela kontra:

- Ir-repetizzjoni ta' xogħol li jkun diġà sar f'pajjiżi parteċipanti fl-identifikar u l-ikkategorizzar ta' kompetenzi speċifiċi għal kuntest partikolari;
- L-iżvilupp ta' profil li jkun simplistiku żż ejjed ta' kompetenzi ta' għalliema li jista' jkun interpretat bħala mekkanistiku;
- Li tiġi proposta għodda ta' żvilupp li ma tistax tkun meqjusa fuq ġewwa, u użata bħala l-bażi li tmexxi 'l quddiem ix-xogħol f'livell nazzjonali f'dan il-qasam.

Il-mudell żviluppat u użat fil-Profil ta' Għalliema Inklużivi huwa għaldaqstant ibbażat fuq in-nozzjoni ta' 'oqsma ta' kompetenza' b'ħafna naħiet.

L-oqsma ta' kompetenza marbuta mal-valuri ewlenin għal edukazzjoni inklużiva li nsibu fil-profil hija magħmula minn tliet elementi:

- Attitudnijiet u fehmiet;

- Għerf u fehim;

- Ħiliet u abilitajiet.

Ċerta *attitudni* jew fehma titlob ċertu *għerf* jew livell ta' fehim u mbagħad *ħiliet* bil-għan li jiġi imwettaq fil-prattika dan l-għerf f'sitwazzjoni prattika. Għal kull qasam ta' kompetenza identifikata, l-attitudnijiet essenzjali, l-għerf u l-ħiliet li nsibu fihom, huma ppreżentati.

Dan l-approċju jibni fuq ix-xogħol ta' Ryan (2009) li jiddeskrivi l-attitudnijiet bħala 'xejriet multidimensjonali', imma l-aktar importanti Shulman (2007) li jiddeskrivi t-tgħallim professjonijiet f'termini ta' apprendistat ta' ras (għerf), id (ħila, jew l-att tal-għemil), u qalb (attitudnijiet u fehmiet).

Huwa importanti ħafna, li l-approċju jittieħed f'linja mal-fehmiet ta' għadd ta' tgħalliema ta' età tal-iskola li ħadu sehem fiż-żjajjar tal-istudji li saru fil-pajjiżi fl-2011. Dawn in-nies ta' età żagħżugħa nstaqsew dwar il-fehmiet tagħhom fuq 'x'jagħmel għalliem tajjeb' u 'x'jagħmlu fir-realtà għalliema tajbin li jgħinuk titgħallem?'

It-tweġibiet indikaw il-perċezzjonijiet tagħhom fuq l-importanza tal-abilitajiet tat-tagħlim globali. It-tweġibiet tagħhom inkludew frażijiet bħal għalliema tajbin ikunu 'qalbhom tajba' u għandhom 'idaħħqu'; 'jispjegaw lilhom infushom tajjeb' u 'jorganizzaw għadd ta' attivitajiet' inklużi dawk 'li jħalluna naħdmu fi gruppi'. 'Jagħtuna feedback', imma l-aktar ħaġa hi li l-għalliema 'jagħmlu t-tgħallim gost u interessanti!'

F'livell minnhom dawn jidhru bħala ideat estremament sempliċi, imma fil-fatt jgħaddu messaġġ qawwi u kumpless għal kull min hu involut fl-edukazzjoni tal-għalliema għal inklużjoni – it-tagħlim ma jistax jinqasam f'checklist li turi l-ħiliet demostrabbli, jew l-għerf li jista' faċilment jiġi assessjat permezz ta' eżamijiet summattivi.

L-oqsma tal-kompetenzi ppreżentati fil-Profil jiġbru l-aspetti kollha tax-xogħol tal-għalliema li għandhom x'jaqsmu max-xogħol fil-pajjiż u li jiffukaw fuq kompetenzi – it-tagħlim, il-kooperazzjoni ma' oħrajn, il-livell ta' skola u l-kompetenzi fil-livell tas-sistema. Madankollu, il-preżentazzjoni tal-oqsma tal-kompetenzi hija mibnija fuq erba' valuri ewlenin maqbula għal skop ta' edukazzjoni inklużiva, b'kull qasam ta' kompetenza tintqies bħala interkonnessa u interdipendenti ħafna.

### Irbit ma' prijoritajiet ta' policy Ewropea għal edukazzjoni ta' skejjel u għalliema

Il-Profil ta' Għalliema Inklużivi jorbot direttament ma' tliet oqsma ta' inizjattivi fil-livell ta' policy Ewropea: l-ewwel, kompetenzi ewlenin għal tgħallim tul il-ħajja; it-tieni, approċji ta' kompetenzi f'edukazzjoni ogħla; finalment titjib ta' policy għal edukazzjoni ta' għalliema.

Il-kompetenzi ewlenin meħtieġa miċ-ċittadini kollha fil-kuntest ta' tgħallim tul il-ħajja huma deskritti fir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006. It-tmien kompetenzi identifikati huma:

1. Komunikazzjoni fil-lingwa nattiva;
2. Komunikazzjoni f'lingwi barranin;
3. Kompetenza matematika u kompetenzi bażiċi fix-xjenza u t-teknoloġija;
4. Kompetenza diġitali;
5. Titgħallem (*biex*) titgħallem;

6. Kompetenzi soċjali u ċiviċi;
7. Sens ta' inizjattiva u intraprenditorija; u
8. Konxjożità kulturali u espressjoni.

Ir-relevanza ta' dawn it-tmien kompetenzi għat-tgħalliema nsibuhom fl-objettiv Strateġiku 3 tal-Qafas Strateġiku ET 2020, li jargumenta li: 'L-edukazzjoni u l-policy tat-taħriġ għandhom jgħinu liċ-ċittadini kollha, irrispettivament miċ-ċirkustanzi personali, soċjali jew ekonomiċi, biex jiksbu, jaġġornaw u jiżviluppaw fuq medda ta' ħajja kemm ħiliet marbuta max-xogħol kif ukoll kompetenzi ewlenin meħtieġa għal skop ta' impjegar u biex irawmu aktar tgħallim, ċittadinanza attiva u djalogu interkulturali.' (p. 4)

L-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin fl-edukazzjoni tal-iskola hija marbuta mill-qrib mal-użu ta' approċji msejsa fuq il-kompetenza fl-edukazzjoni ogħla. Fix-xogħol tal-proċess Bologna, ir-rapport mill-grupp informali tal-Inizjattiva tal-Kwalità Konġunta Diċembru 2003, sostniet mhux biss approċju mibni fuq l-eżiti għal edukazzjoni ogħla, imma rrakkomandat approċju msejjes fuq il-kompetenza fejn it-tgħalliema: '… jistgħu japplikaw l-għerf tagħhom u l-fehim b'mod li jindika approċju professjonali għax-xogħol tagħhom jew vokazzjoni, u jkollhom kompetenzi tipikament dimostrati permezz ta' ħolqien u sosteniment ta' argumenti u soluzzjonar ta' problemi fl-għalqa tal-istudju tagħhom.' (p. 33)

Dan huwa sostnut minn Bergan u Damian (2010) li fir-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa argumentaw li l-iżvilupp tal-kompetenza tat-tgħalliema għandu jidher bħala parti mill-missjoni ta' edukazzjoni ogħla – bil-kompetenzi li jiġu żviluppati jkunu jiddependu fuq dak li huwa meqjus li jkunu l-għanijiet ta' edukazzjoni ogħla. Huma jissuġġerixxu li 'kompetenzi konverġenti' jagħtu importanza l-ħtieġa li jiġi edukat il-bniedem sħiħ; l-edukazzjoni għandha tidher bħala li hija dwar il-ksib ta' għerf u ħiliet, imma wkoll dwar il-ksib ta' valuri u attitudnijiet.

Għadd ta' implikazzjonijiet għall-edukazzjoni tal-għalliema huma apparenti; l-istudenti għalliema għandhom jiġu edukati biex jużaw approċju msejjes fuq il-kompetenza, għax din għandha ċ-ċans li tagħmel l-ITE tagħhom aktar effettiva, u tippreparahom biex jiżviluppaw tgħallim ibbażat fuq il-kompetenza mat-tgħalliema kollha fil-klassijiet tagħhom. Bħalma jissuġġerixxi rapport tal-proġett-sintenzi TE4I: 'Għalliema ġodda għandhom jifhmu l-kumplessitajiet tat-tagħlim u t-tgħallim u l-ħafna fatturi li jaffettwawhom. Għandhom jagħrfu li t-tgħalliema kollha għandhom ikunu attivament involuti f'li jagħmlu sens mit-tgħallim tagħhom, aktar milli jkunu konsumaturi passivi ta' kontenut ta' kurrikulu li jkun preskritt b'mod magħluq.' (p. 68)

Tliet Konklużjonijiet riċenti tal-Kunsill – mill-2007, 2008 u l-2009 – identifikaw prijoritajiet biex itejbu l-edukazzjoni tal-għalliema kif definiti mill-Ministeri tal-Edukazzjoni fl-istati membri. Dawn ġew imqassra fid-dokument *Intejbu l-Kwalità tal-Għalliema: l-Aġenda tal-Policy tal-Unjoni Ewropea,* imħejjija minn Paul Holdsworth, mill-Kummissjoni Ewropea, DG-Edukazzjoni u Kultura, fl-2010 bħala kontribuzzjoni għal dibattiti fil-proġett Edukazzjoni tal-Għalliema għal Skop ta' Inklujoni. Id-dokument komplut huwa ppreżentat f'Anness 2.

10 oqsma ta' policy ta' prijorità jistgħu jiġu identifikati f'dawn it-tliet settijiet ta' Konklużjonijet tal-Kunsill:

1. Promozzjoni ta' valuri u attitudnijiet professjonali;
2. Titjib fil-kompetenzi tal-għalliema;
3. Ingaġġ effettiv u għażla ta' promozzjoni edukattiva ta' kwalità;
4. Titjib fil-kwalità ta' Edukazzjoni Inizjali ta' Għalliema;
5. L-introduzzjoni ta' programmi ta' tħejjija għall-għalliema ġodda kollha;

6. Sostenn ta’ mentoring għall-għalliema kollha;
7. Titjib fil-kwalità u fil-kwantità tal-Iżvilupp Kontinwu Professjonali;
8. Leadership fl-Iskejjel;
9. L-assigurazzjoni ta’ kwalità ta’ Edukaturi tal-Għalliema;
10. Titjib fis-Sistemi Edukattivi tal-Għalliema.

Waqt iż-żjajjar tal-istudju tal-pajjiżi fl-2010, dan id-dokument kien diskuss f’relazzjoni mal-Profil propost mal-esperti kollha tal-proġett. Dawn id-diskussjonijiet ikkonkludew li l-Profil jista’ jidher fil-link mal-prioritajiet tal-policy tal-Unjoni Ewropea biex titjieb il-kwalità tal-ITE, jiġu promossi valuri u attitudnijiet professjonali u kompetenzi għal titjib tal-għalliema. Madankollu, tliet punti oħra jeħtieġ li jsiru:

- Il-valuri ewlenin għal edukazzjoni inklużiva li nsibu fil-Profil tal-Għalliem Inklużivi jirfdu dawn il-prijoritajiet ta’ policy kollha;
- L-oqsma tal-kompetenzi li nsibu fil-Profil tal-Għalliema Inklużivi jorbtu ma’ dawn il-prijoritajiet ta’ policy b’xi mod jew ieħor u ma hemmx kontradizzjonijiet;
- Il-Profil ta’ Għalliema Inklużivi jidentifika prijoritajiet oħra li jistgħu jiġu murija fl-inizjattivi għall-edukazzjoni tal-għalliema fil-livell ta’ policy Ewropea – l-aktar importanti l-edukazzjoni inklużiva bħala aspett ta’ dritt uman u edukazzjoni inklużiva bħala approċju biex isostni lit-tgħalliema kollha.

L-argument li l-valuri ewlenin u l-oqsma tal-kompetenzi deskritti fil-Profil tal-Għalliema Inklużivi huma ta’ benefiċċju għat-tgħalliema kollha, u mhux biss dawk f’riskju ta’ esklużjoni, hija sostnuta mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill fuq id-Dimensjoni Soċjali tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (2010): ‘Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-inklużjoni b’suċċess ta’ studenti bi ħtiġijiet speċjali f’ambjenti mainstream huma ta’ benefiċċju għat-tgħalliema kollha. Iż-żieda fl-użu ta’ approċji personalizzati, inklużi pjanijiet ta’ tgħallim indvidwalizzat u titjib fl-assessjar biex isostni l-proċess tat-tgħallim, jipprovdi lill-għalliema b’ħiliet biex imexxu u jkunu ta’ benefiċċju għad-diversità, billi jippromwovu l-użu ta’ tagħlim u tgħallim kooperattiv, u jwessgħu l-aċċess u l-parteċipazzjoni, huma modi kif intejbu l-kwalità għal kulħadd.’ (p. 5)

# IL-METODOLOĠIJA BIEX JIĠI ŻVILUPPAT IL-PROFIL

Fl-attivitajiet tal-proġett fil-medda ta' perjodu ta' tliet snin, għadd ta' ħidmiet ġew kompluti f'relazzjoni mal-iżvilupp tad-dokument tal-Profil. Dawn l-attivitajiet ewlenin huma deskritti b'mod sħiħ f'din is-sezzjoni bil-għan li:

- B'mod ċar jiġu dokumentati l-passi li ttieħdu fl-iżvilupp tal-qafas tal-Profil u l-kontenut;
- Jiġu rikonoxxuti l-kontribuzzjonijiet ta' valur kbir tal-esperti innominati tal-proġett, timijiet minn 14-il pajjiż li saru ż jajjar fihom u aktar minn 400 rappreżentant ta' gruppi stakeholder fit-tħejjija tal-Profil ippreżentat f'dan id-dokument.

Din is-sezzjoni għalhekk tipprovdi informazzjoni deskrittiva li tqassar il-proċess tal-iżvilupp tal-Profil.

Tard fl-2009, paper inizjali kienet abbozzata mit-tim tal-istaff tal-Agency bħala stimulu għal diskussjonijiet minn esperti tal-proġett tal-pajjiż. Din il-paper tat l-istqarrijiet ewlenin u l-fehmiet dwar il-kompetenzi tal-għalliema għal skop ta' edukazzjoni ta' għalliema inizjali għal skop ta' inklużjoni, u kienet ibbażata fuq studju tar-riċerka relevanti u l-informazzjoni ġenerali tal-policy kif ukoll bħala kontribuzzjonijiet mill-Grupp Avviżorju tal-Proġett.

Serje ta' żjajjar f'pajjiżi għal skop ta' studju ġew programmati għall-2010 u l-2011. Dawk il-pajjiżi kollha parteċipanti kienu mistiedna biex jissottomettu l-proponimenti tagħhom biex iħejju ż jajjar li jindirizzaw it-temi ewlenin tal-proġett TE4I. Is-sottomissjonijiet tal-pajjiżi imbagħad ġew ikkunsidrati mill-Grupp Avviżorju tal-Proġett u t-tim tal-istaff tal-proġett u ż-żjajjar ġew imħejjija skont kriterji mfassla minn qabel. Dawn kienu jinkludu r-relevanza tat-tema proposta, il-possibiltajiet li jiġu esplorati approċji differenti għal edukazzjoni inizjali tal-għalliema u rappreżentazzjoni ġeografika bilanċjata tal-pajjiżi.

Matul iż-żjajjar tal-istudju tal-ħames pajjiżi li saru fir-Rebbiegħa 2010, l-abbozz tad-dokument tal-Profil kien diskuss flimkien ma' aspetti speċifiċi relatati mal-użu tal-approċji msejsa fuq l-kompetenza li kienu ġ ew identifikati mit-timijiet tal-pajjiżi li kienu qegħdin jospitawhom bħala t-temi ewlenin għaż-żjajjar. Iż-żjajjar u t-temi ewlenin kienu:

*Belfast, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq):* l-eżaminar tal-Kompetenzi tal-Għalliema tal-Irlanda ta' Fuq biex jiġu ż viluppati prattikanti inklużivi u l-ikkunsidrar tal-implikazzjonijiet potenzjalment usa' għas-sistema mainstream tal-edukazzjoni li jinħtieġu li jiġu kkunsidrati għal għalliema biex jużaw / iwettqu dawn il-kompetenzi fl-aħjar mod possibbli.

*Porto, Portugal:* l-esplorazzjoni tal-mod kif profil ta' kompetenzi jistgħu jgħinu s-sostenn tal-iżvilupp tal-attitudnijiet u l-valuri kif ukoll l-għerf u l-ħiliet neċessarji għal edukazzjoni inklużiva.

*Eger, l-Ungerija:* fid-dawl tal-oqsma ta' kontenut meħtieġa fil-profil ta' kompetenza, imbagħad speċifikatament jikkunsidraw x'forma ta' taħriġ inizjali huwa meħtieġ biex jiġu żviluppati l-għerf u l-ħiliet fi profil ta' dan it-tip.

*Borås, l-Isvezja:* l-eżaminar tal-profili ta' kompetenza għandhom ilkoll jassiguraw li l-istudenti huma ppreparati biex ikunu għalliema ta' inklużjoni; speċifikatament kif edukaturi ta' għalliema jistgħu jaħdmu b'modi inklużivi biex jimmudellaw prattiċi inklużivi għall-istudenti tagħhom.

*Utrecht, l-Olanda*: l-esplorazzjoni ta' kif il-profili tal-kompetenza jidħlu fl-inizjattivi ta' policy ta' żvilupp għal edukazzjoni inklużiva. Speċifikatament, l-esplorazzjoni ta' oqfsa ta' policy għall-edukazzjoni tal-għalliema kif ukoll x'tip ta' edukazzjoni inklużiva hija meħtieġa għal profil ta' dan it-tip biex jiġi mwettaq.

Tagħrif fuq iż-żjajjar kollha tal-2010 jinstab: http://www.european-agency.org/agency-projects/Teacher-Education-for-Inclusion

Il-ħames laqgħat inkludew fihom dawn l-attivitajiet:

- Preżentazzjonijet mit-tim tal-pajjiż li kien qiegħed jospita fuq is-suġġett/aspett magħżul kif ukoll bħala eżempji ta' prattika mill-pajjiż tagħhom;
- Preżentazzjonijiet qosra minn kull espert tal-proġett fuq dan l-aspett għaż-żjara ta' studju mill-perspettiva tal-pajjiż tagħhom;
- Diskussjonijiet interattivi mal-esperti tal-proġett u stakeholders differenti mill-pajjiż;
- Sessjoni magħluqa ta' diskussjonijiet għall-esperti tal-proġett biex jikkunsidraw il-messaġġi essenzjali għall-iżvilupp tad-dokument tal-Profil.

Barra minn hekk l-esperti tal-proġett tal-pajjiż, aktar minn 100 professjonist edukattiv – inklużi policy makers, edukaturi ta' għalliema, studenti, staff tal-iskola, staff ta' sostenn speċjalizzat u rappreżentanti ta' gruppi ta' komunità – ipparteċipaw f'attivitajiet matul il-ħames żjajjar.

Barra mir-riflessjonijiet importanti fuq il-kontenut neċessarju għad-dokument tal-Profil, il-messaġġi ewlenin li ħarġu mill-ħames żjajjar iffukaw fuq:

- Il-fatt li l-kompetenzi ma tistax tarahom bħala checklist li wieħed għandu 'jaħdem' fiha;
- Ir-rwol kruċjali tal-valuri u l-attitudnijiet lejn l-edukazzjoni ġ enerali u l-edukazzjoni inklużiva speċifikatament li għandha x'taqsam fl-ITE.

Fuq il-bażi tal-istudju li saru fiż-żjajjar tal-pajjiżi fl-2010, kien ippreżentat dokument għal skop ta' diskussjoni, li kien rivedut u estiż, fil-laqgħa tal-proġett sħiħ fi Zürich fil-Ħarifa tal-2010. Dan id-dokument rivedut kien sinjifikament differenti minn verżjonijiet ta' qabel f'żewġ modi. L-ewwel, kien propost li l-kontenut tal-Profil għandu jkun iċċentrat fuq *valuri ewlenin* għax-xogħol kollu tal-għalliema (dak iż-żmien ġew ippreżentati tlieta). It-tieni, kien suġġerit li aktar milli jiġu ppreżentati kompetenzi diskreti, *oqsma ta' kompetenzi* għandhom jiġu proposti, inklużi tliet elementi – attitudnijiet, għerf u ħiliet.

Dawn l-iżviluppi kienu maqbula mill-esperti tal-proġett kollha u fid-dawl tal-feedback dettaljat tagħhom fuq kontenut speċifiku tad-dokument, inħadem profil maħdum mill-ġdid. Din il-verżjoni ċċentrat fuq il-qafas tal-erba' valuri flimkien ma' għadd ta' oqsma speċifiċi ta' kompetenzi dwar kull valur.

Dan l-abbozz imbagħad ifforma l-bażi ta' serje ta' attivitajiet ta' 'validazzjoni' f'pajjiżi fiż-żjajjar tal-istudju tad-disa' pajjiżi li saru fl-2011. F'dawn l-attivitajiet ta' proġett, il-validazzjoni kienet tinftiehem bħala li tirreferi għall-qbil tal-istakeholder fuq il-qafas propost ta' valuri u oqsma ta' kompetenza kif ukoll kontenut speċifiku tad-dokument tal-Profil.

Dawn iż-żjajjar saru f'*Nicosia (Ċipru), Valletta (Malta)* u *Stavanger (in-Norveġja)* fix-xahar ta' Marzu; *Riga (Latvja)* u *Rovaniemi (il-Fillandja)* fix-xahar ta' April; u *Londra (ir-Renju Unit, l-Ingilterra), Pontevedra (Spanja)*, *Esbjerg (id-Danimarka)* u *Linz (l-Awstrija)* fix-xahar ta' Mejju 2011.

L-informazzjoni fuq iż-żjajjar kollha li saru fl-2011 tinsab: http://www.european-agency.org/agency-projects/Teacher-Education-for-Inclusion/country-study-visits

Fit-tħejjija għad-diskussjonijiet waqt iż-żjarat, il-parteċipanti kollha (inklużi l-istakeholders tal-pajjiżi) ġew ipprovduti b'kopji tal-abbozz tad-dokument tal-Profil – jew fil-forma sħiħa jew fil-forma mqassra – qabel il-laqgħat. Barra minn hekk, l-esperti kollha tal-proġett instaqsew biex jippreżentaw il-fehma tal-approċji tal-kompetenzi tal-pajjiż tagħhom; biex jagħrfu sa liema livell approċji ta' dan it-tip kienu jirriflettu l-kurrikula tal-edukazzjoni inizjali

tal-għalliema u biex jagħfsu b'mod partikolari fuq aspetti li kienu relevanti għad-diskussjonijiet fuq id-dokument tal-Profil.

Minħabba li l-għan ewlieni taż-żjajjar tal-pajjiżi fl-2011 kien biex jiġbru feedback minn medda ta' stakeholders differenti fl-edukazzjoni tal-għalliema fuq il-kontenut u l-użu potenzjali tal-Profil tal-għalliema Inklużivi, f'kull waħda minn dawn iż-żjajjar tal-pajjiżi, it-timijiet mistiedna organizzaw għadd ta' attivitajiet li kienu jinvolvu gruppi rappreżentattivi ta' stakeholders. Dawn l-attivitajiet kienu jinkludu: ż jajjar u osservazzjonijiet ta' skejjel u klassijiet; żjajjar ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tal-għalliema u osservazzjoni ta' klassijiet tal-ITE u preżentazzjonijiet dwar il-policy tal-pajjiż u l-prattika tal-ITE.

L-aktar ħaġ a importanti hi li f'dawn iż-żjajjar kollha kien hemm serje ta' attivitajiet ta' diskussjonijiet differenti bejn l-esperti tal-proġett u l-istakeholders fl-ITE dwar il-Profil – il-kontenut u l-użu potenzjali tiegħu. Dawn id-diskussjonijiet kienu ta' xeħta interattiva ħafna u ħadu l-forma ta' gruppi fil-foku fejn l-istakeholders kienu mħeġġa biex jagħtu feedback u l-esperti tal-proġett u t-tim tal-istaff servew bħala 'rikordaturi' tal-feedback tagħhom.

Dawn l-attivitajiet ta' diskussjoni kienu jvarjaw minn konverżazzjonijiet ma' gruppi żgħar, għal dibattiti kbar plenarji ma' udjenzi ta' 'l fuq minn 50 grupp rappreżentattiv ta' stakeholders.

Barra minn hekk, barra mill-esperti tal-proġett tal-pajjiżi, aktar minn 300 parteċipant kienu involuti f'disa' żjarat. Dawn kienu jinkludu:

- Tgħalliema (kemm bi ħtiġ ijiet u mingħajr ħtiġ ijiet speċjali), il-ġenituri tagħhom u l-membri tal-familja;
- Ir-rappreżentanti tal-komunitajiet lokali;
- L-għalliema tal-klassi, il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema speċjalisti u l-istaff tas-sostenn;
- Membri ta' timijiet multidixxiplinarji (li kienu jinkludu psikologi, social workers u professjonisti tal-kura tas-saħħa);
- Inspectors tal-iskejjel, amministraturi tal-oqsma tal-lokal u policy makers;
- Għalliema kwalifikati ġodda;
- Studenti-Għalliema – li jistudjaw kemm l-ITE kif ukoll programmi ta' edukazzjoni in-service;
- Edukaturi ta' għalliema jaħdmu fi programmi ta' xeħta inklużiva, ħtiġ ijiet speċjali u programmi mibnija fuq is-suġġett;
- Senior managers tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni tal-għalliema (retturi, dekani, kapijiet tad-dipartimenti u fakultajiet);
- Policy makers fil-livell nazzjonal għal edukazzjoni inklużiva u edukazzjoni tal-għalliema.

Għadd ta' elementi importanti kienu inkorporati fiż-żjajjar tal-istudji tal-pajjiżi fl-2011 li sostnew il-validazzjoni tad-dokument tal-profil u l-medda sħiħa ta' stakeholders kienu involuti fil-laqgħat u d-diskussjonijiet. Barra minn hekk, għaż-żjajjar kollha tlestiet 'templejt' għall-ġbir tal-feedback fuq il-Profil li mtliet mill-esperti tal-proġett kollha u xi parteċipanti li huma stakeholders ewlenin. Din it-templejt hija ppreżentata f'Anness 3.

Barra minn hekk iż-żjajjar kienu ggrupjati f'żewġ fażijiet ta' ġbir ta' informazzjoni:

*Ġbir ta' informazzjoni għall-validazzjoni:* permezz tat-templejt li kien hemm qbil fuqha, inġabar feedback fuq il-profil fiż-żjajjar li saru Ċ ipru, Malta, in-Norveġja, il-Latvja u l-

Fillandja u mbagħad ġ ie analizzat mit-tim tal-istaff tal-proġett biex jiġu identifikati temi emerġenti u ideat li ħarġu miż-żjajjar.

*Verifikazzjoni tal-informazzjoni:* ix-xejriet ewlenin u l-messaġġi li ħarġ u mill-ewwel żjajjar kienu preżentati lill-parteċipanti fiż-żjajjar fid-Danimarka, Spanja, ir-Renju Unit (l-Ingilterra) u l-Awstrija. Il-parteċipanti nstaqsew biex speċifikatament jikkumentaw fuq ix-xejriet identifikati fl-ewwel fażi taż-żjajjar biex b'hekk wieħed isir jaf jekk dak li nstab setax ikun ivverfikat jew ikkuntestat.

B'kollox, 71 tweġiba, fil-biċċa l-kbira tagħhom użaw it-templejt għall-feedback u l-kummenti, kienu miġbura u analizzati; 37 fil-fażi tal-validazzjoni tal-informazzjoni u 34 fil-fażi tal-verifikazzjoni tal-informazzjoni.

Il-fasla ta' żewġ fażijiet ta' attivitajiet ta' ġ bir ta' informazzjoni, kif ukoll bħala struttura iffissata taż-żjajjar u l-parteċipanti varjati involuti fihom kienet tfisser li l-forom differenti ta' data (informazzjoni) setgħet tiġi trijangolizzata. Denzin (1979) oriġinarjament identifika erba' tipi ta' tekniki ta' trijangulazzjoni, li dawn kienu studjati minn Creswell u Miller (2000) fost oħrajn. Tnejn minn dawn iż-żewġ tekniki ntużaw fiż-żjajjar: *trijangulazzjoni tad-data* (l-istess proċess għall-ġbir tal-informazzjoni jkun ripetut disa' darbiet, li jirriżulta f'disa' datasets) u *trijangulazzjoni differenti ta' investigatur tal-informazzjoni* (żewġ managers tal-proġett u disa' timijiet ta' esperti lkoll użaw l-istess għodod ta' ġbir ta' informazzjoni).

Analiżi tal-informazzjoni minn disa' żjajjar wasslu għal dawn il-konklużjonijiet ewlenin:

- Il-qafas bażiku għall-Profil ibbażat fuq erba' valuri ewlenin u oqsma ta' kompetenzi kien hemm qbil fuqhom;
- L-oqsma kollha tal-kompetenza fuq id-dokument-abbozz kienu maqbula fiż-żjajjar kollha. Madankollu, l-oqsma ewlenin tad-dibattitu ffukaw fuq iż-żieda ta' aktar oqsma ta' kompetenza;
- Medda ta' aspetti ngħataw l-importanza tagħhom f'relazzjoni mal-implikazzjonijiet għat-twettiq tal-Profil. Kien propost li l-materjal li diġà kien fil-Profil-abbozz, dak iż-żmien kellu jerġa' jinħadem f'sezzjoni separata li kienet tiddiskuti fatturi li kienu jsostnu t-twettiq tal-Profil.

Il-kontribuzzjoniiet varji miż-żjajjar tal-2011 wasslu biex il-kampjun tal-Profil finali jiġi prodott. Dan intbagħat għall-kummenti lir-rappreżentanti kollha tal-Agency u l-esperti nominati tal-proġett fil-bidu tal-2012. Il-kampjun finali kien preżentat ukoll fil-konferenza tat-tixrid u t-twassil tal-proġett TE4I, li nżammet fi Brussel fir-Rebbiegħa 2012.

Waqt dan l-avveniment, barra li l-esperti tal-proġett kellhom l-opportunità finali li jikkummentaw fuq it-test, riflessjonijiet strutturati fuq l-valur potenzjali tal-Profil kienu ppreżentati minn: rappreżentanti tal-UNESCO u UNICEF CEE/CIS, kif ukoll kelliema li kienu jirrappreżentaw l-employers ewlenin tal-edukazzjoni, għalliema kwalifikati ġodda u l-għalliema studenti.

(Informazzjoni fuq il-konferenza u l-kontribuzzjonijiet kollha tal-kelliema nsibuha f': http://www.european-agency.org/agency-projects/teacher-education-for-inclusion/dissemination-conference).

Il-feedback kollu, il-kummenti u r-riflessjoniiet mill-attivitajiet tal-konferenza kollha intużaw bħala l-bażi għall-iżvilupp tal-Profil finali u l-materjal ta' għajnuna li huwa ppreżentat sħiħ f'dan id-dokument.

## L-IŻVILUPP TAL-PROFIL FIL-FUTUR

Waqt l-indirizz ewlieni tiegħu fil-laqgħa tal-proġett fi Zürich fil-Ħarifa tal-2010, il-kelliemi ewlieni Tony Booth issuġġerixxa li: 'Il-poter li għandna bħala edukaturi huwa li ndaħħlu lil ħaddieħor fid-djalogu – dak kollox.'

Din it-tip ta' konxjożità turi li l-intenzjonijiet ta' dan id-dokument-profil – li jiġi involut ħaddieħor fid-dibattitu. Huwa ttamat li l-Profil innifsu kif ukoll il-materjal tad-diskussjoni dwaru jintużaw b'modi differenti biex jinforma dwar ix-xogħol li jsir fuq l-edukazzjoni tal-għalliema għal inklużjoni f'livell nazzjonali, Ewropew u anke internazzjonali. Globalment kien hemm xi mistoqsijiet dwar dik li tissejjaħ il-'capacity building' għall-prattika inklużiva. Il-Profil tal-proġett joffri mod potenzjali kif jinbdew jew isiru aktar diskussjonijiet mhux biss dwar l-għalliema imma dwar l-għanijiet usa' tal-edukazzjoni inklużiva.

Madankollu, wieħed irid jagħmilha ċara li dan id-dokument qasir mhuwiex prodott finali li jista' jiġi 'traspjantat' fil-kuntesti ta' pajjiżi b'xi mod. Dan kien żviluppat biex jistimula aktar dibattitu b'mod li jagħmlu lill-policy makers u lill-edukaturi tal-għalliema b'mod partikolari aktar 'il quddiem fil-ħsieb tagħhom. Iċ-ċans tal-ksib ta' verżjoni bla copyright tal-Profil hija attentat biex b'mod prattiku nsostnu dan l-għan.

Ħafna mill-aspetti relatati ma' dak li jista' jintfisser mill-effettività tal-edukazzjoni tal-għalliema fil-fażi inizjali li nsibu f'dan id-dokument tinħtieġ aktar eżaminar. L-aspetti kkunsidrati hawn taħt jidhru li huma ċentrali fid-dibattiti dwar l-iżvilupp possibbli tal-Profil tal-Għalliema tal-Inklużjoni:

(i) Insibu bażi ta' riċerka limitata li fl-istess ħin qiegħda tiżviluppa li tiddokumenta kif l-għalliema li jaħdmu f'ambjenti inklużivi għandhom – jew m'għandhomx – ikunu ppreparati għax-xogħol tagħhom. Dan il-fatt huwa rikonoxxut fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill fuq id-Dimensjoni Soċjali tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (2010) li jirreferu għall-ħtieġa li: 'inwessgħu l-bażi tal-għerf f'koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u nassiguraw dissiminazzjoni wiesgħa ta' riżultati tar-riċerka.' (p. 9)

Ir-rapport-sinteżi tat-TE4I jmur aktar minn hekk u jargumenta li: 'Ir-riċerka għandha ssir fuq l-effettività ta' rotot differenti fit-tagħlim u l-organizzazzjoni tal-kors, il-kontenut u l-pedagoġija biex wieħed jiżviluppa l-kompetenza tal-għalliema biex ilaħħqu ma' ħtiġijiet differenti tat-tgħalliema kollha.' (p. 72)

Il-profili tal-kompetenzi tal-għalliema – l-attitudnijiet, l-għerf u l-ħiliet – jidhru li huma qasam importanti għar-riċerka fil-futur fl-effettività ta' policy ta' edukazzjoni ta' għalliema fil-fażi inzjali u t-twettiq tagħha. Kif kien issuġġerit fl-Attività tat-Tgħallim Koetanju (2011), '…qafas ta' kompetenzi ta' għalliema mhijiex panaċea. Huwa wieħed minn għadd ta' strumenti li jistgħu jintużaw biex isostnu lill-professjonaliżmu tal-għalliema u biex jippromwovu kwalità ta' edukazzjoni.' (p. 6). Riċerka tal-futur għandha tiffoka wkoll fuq l-evalwazzjoni sistematika tal-Profil f'kuntesti ta' programmi speċifiċi tal-ITE, kif ukoll minn perspettivi ta' sistemi usa'.

(ii) Ħafna pajjiżi qegħdin jistudjaw l-istruttura tal-ITE u jikkunsidraw fejn u minn min l-ITE tista' tiġi pprovduta (universitajiet u/jew skejjel). Strutturi tal-kors u kontenut ta' kurrikula qegħdin jiġu dibattuti bis-sħiħ u ħafna mir-reviżjonijiet proposti huma fil-linja tal-approċju inklużiv. Ir-rapport tal-OECD 'Materji ta' Tagħlim' (2005) jiddiskuti 'inbiddlu l-enfasi fl-edukazzjoni tal-għalliema fil-fażi inizjali' u nissuġġerixxu li: 'Mhuwiex realistiku li wieħed jistenna li kull programm ta' edukazzjoni ta' għalliema fil-fażi inizjali, indipendentement minn kemm hi ta' kwalità għolja, għandha ċ-ċans li tiżviluppa bis-sħiħ lill-istudenti għalliema…aktar milli tkun il-kwalifika ewlenija jew l-unika kwalifika għall-għalliema l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema issa qiegħda tidher bħala li hija l-punt li permezz tiegħu

wieħed jidħol għall-professjoni u l-pjattaforma għall-iżvilupp kontinwu tal-għalliema.' (p. 134)

Il-Profil ta' Għalliema Inklużivi kien żviluppat bħala riżultat tad-dibattiti fuq l-edukazzjoni tal-għalliema fil-livell inizjali. Madankollu r-rwol potenzjali fit-tul f'li jsostni aktar l-opportunitajiet ta' ż vilupp professjonali li jkomplu għal għalliema kien enfasizzat mill-parteċipanti fl-attivitajiet tal-proġett TE4I u aktar xogħol fuq il-Profil bħala għodda għal opportunitajiet ta' żvilupp differenti għall-għalliema huwa meqjus bħala relevanti.

(iii) Il-Kunsill tal-Konklużjonijiet (2010) isostni l-ħtieġa ta': 'Promozzjoni tar-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ bħala strumenti ewlenin għall-ksib tal-objettivi tal-inklużjoni soċjali u l-proċess tal-protezzjoni soċjali'.(p.10). Din tidwi fir-rapport-sinteżi tal-proġett TE4I, li jgħid li: 'Il-benefiċċji ta' inklużjoni dejjem tiżdied, marbuta ma' prijoritajiet oħra bħalma huma l-ġustizzja soċjali u l-koeżjoni tal-komunità, huma wkoll investiment fit-tul fl-edukazzjoni taż-żgħorija bikrija u sistema ta' edukazzjoni inkluživa dejjem tikber għandha ċ -ċans li tirrappreżenta użu ta' riżorsi b'mod aktar effettiv milli inizjattivi għal żmien qasir iddisinjati biex iservu biss għal ftit żmien biss jew isostnu ċerti gruppi marġinalizzati'. (p.77)

Fil-proċess tal-iżvilupp tal-Profil tal-Għalliema Inklużivi, messaġġi li jirrikorru ta' sikwit minn esperti tal-proġett u stakeholders tal-pajjiżi kien il-potenzjal ta' edukazzjoni ta' għalliema biex iservi ta' mezz ta' bidla fis-sistema edukattiva u jippromwovi prattika inkluživa. Din hija sostnuta aktar bir-rapport-sinteżi tal-proġett (2011): 'il-ħtieġa li wieħed jieħu post is-sostenn 'kompensatorju bir-riforma ta' tagħlim u tgħallim u attenzjoni għall-ambjent biex iżid il-kapaċità tal-iskejjel li jirrispondu għad-diversità qiegħed issir aktar komuni.' (p.14)

Ir-rapport-sinteżi tal-proġett tat-TE4I jiddiskuti l-isfidi ewlenin tal-ITE fil-pajjiżi Ewropej. Xogħol f'dan il-proġett jissuġġerixxi li għalliema individwali ma jistgħux jidhru bħala aġenti għal bidla sistematika fl-edukazzjoni, imma li huma jistgħu jiġu meqjusa bħala fattur kruċjali li jikkontribwixxi għall-bidla sistematika neċessarja. Għalliema mħejjija biex jaħdmu b'mod effettiv b'medda wiesgħa ta' ħtiġijiet ta' tgħalliema jistgħu jservu bħala multiplikaturi għal edukazzjoni inkluživa – kull azzjoni li ssostni l-edukazzjoni inkluživa għandha l-importanza tagħha u l-atturi kollha fl-edukazzjoni jistgħu jagħmlu d-differenza kemm għal ftit żmien kif ukoll fit-tul.

Ir-rapport OECD (2005) jissuġġerixxi li: 'It-tagħlim huwa biċċa xogħol kumplessa, u m'hemmx sett singlu ta' attributi u mġibiet ta' għalliema li huwa universalment effettiv għat-tipi kollha tal-istudenti u l-ambjenti tat-tgħallim.' (p.134). Filwaqt li l-argument dwar il-kumplessità tat-tagħlim huwa aċċettat, hija l-asserzjoni ta' dan id-dokument ta' Profil li huwa possibbli li jidentifika dawk il-valuri ewlenin u l-oqsma ta' kompetenza (attitudnijiet, għerf u ħ iliet) li huma neċessarji għall-għalliema kollha biex jaħdmu b'mod effettiv fi klassijiet inklużivi.

Il-Kummissjoni Internazzjonali fuq l-Edukazzjoni tal-UNESCO għas-Seklu 21 (Delors et al, 1999) tara t-tgħallim tul il-ħajja u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà tat-tgħallim bħala ċ-ċavetta li permezz tagħha nirbħu l-isfidi li għandna minħabba dinja li qiegħda tinbidel b'mod mgħaġġel. Il-Kummissjoni tenfasizza erba' kolonni ta' tgħallim: 'tgħallim biex ngħixu flimkien', 'tgħallim biex insiru nafu', 'tgħallim biex nagħmlu', u 'tgħallim biex inkunu'. Dawn il-kolonni jidhru li huma relevanti għall-għalliema kollha, kif ukoll għat-tgħalliema fl-iskejjel u l-klassijiet Ewropej.

Ir-rapport-sinteżi tal-proġett TE4I jikkonkludi li hemm il-ħtieġa għal: 'riċerka rigoruża, u fit-tul li tinvestiga … L-oqsma tal-kompetenza meħtieġa għal prattika inkluživa ta' kwalità biex tinforma ġ udizzji konsistenti dwar l-effettività tal-edukazzjoni tal-għalliema u l-prattika ta' għalliema ġodda [u] L-aktar modi effettivi biex nimpattaw fuq il-kompetenzi tal-għalliema ta'

qabel is-servizz (valuri attitudnijiet, ħ iliet, għerf u fehim) jiġifieri kontenut, pedagoġija u assessjar biex jippreparawhom għal prattika inklużiva.' (p.72)

Il-Profil ippreżentat f'dan id-dokument kien ż viluppat bħala l-ewwel pass f'din ir-riċerka neċessarja. Dan kien ż viluppat fil-livell Ewropew bħala għodda konkreta li tista' tinbena fuqha u mbagħad użata f'kuntesti differenti fil-pajjiżi biex isostnu avvanzi lejn inklużjoni akbar u prattika ta' tagħlim inkluživ ta' kwalità.

Din l-isfida għall-edukazzjoni tal-għalliema li ngħatat l-importanza tagħha mill-Profil hi li l-edukazzjoni inklużiva hija għall-għalliema u t-tgħalliema kollha. Huwa ttamat li dan il-Profil jista' jintuża mill-istakeholders kollha fl-edukazzjoni tal-għalliema biex jistimulaw aktar dibattitu, investigazzjonijiet fl-edukazzjoni tal-għalliema għal inklużjoni bħala mezz għal bidla sistematika fil-policy u l-prattika fil-pajjiżi kif ukoll fil-livell Ewropew.

## REFERENZI


L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġ ijiet Speċjali, 2011. *L-Edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' Inklużjoni fl-Ewropa – Sfidi u Opportunitajiet.* Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

Bergan, S. and Damian, R., 2010. *Edukazzjoni Ogħla għal soċjetajiet moderni: kompetenzi u valuri* (Serje ta' edukazzjoni ogħla numru 15, 2010 tal-Kunsill tal-Ewropa)

Booth, T., 2010. *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Skop ta' Inklużjoni: Kif nafu li din hi ta' kwalità għolja?* Keynote mogħti fil-konferenza tal-Edukazzjoni għall-Għalliema għal Skop ta' Inklużjoni; Zurich, Settembru 2010. Jinkiseb fuq talba mis-Segretarjat tal-Agency secretariat@european-agency.org

Creswell, J.W. u Miller, D.L., 2000. Niddeterminaw il-Validità tal-Inkjesta Kwalitattiva. *Teorija fil-Prattika*. Volum 39, Numru 3, is-Sajf 2000, College of Education, The Ohio State University

Delors, J. et al., 1996. *It-tgħallim, it-teżor ġo fina.* Rapport lill-UNESCO tal-Kummissjoni Internazzjonali fuq l-Edukazzjoni għas-Seklu Wieħed u Għoxrin. Pariġi, Franza: UNESCO

Denzin, N. K., 1979. *L-att tar-riċerka: Introduzzjoni teoretika għall-metodi soċjoloġiċi.* New York: McGraw-Hill

Konklużjonijiet tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, laqgħa fil-Kunsill, fuq *it-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni tal-għalliema* (Official Journal (OJ) C 300, 12.12.2007)

Konklużjonijiet tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, laqgħa fil-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2008 għall-*preparazzjoni ta' nies ta' età żagħżugħa għas-seklu 21: aġenda għall-kooperazzjoni tal-iskejjel Ewropej* (OJ 2008/C 319/08)

Konklużjonijiet tal-Kunsill, laqgħa fil-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2009 fuq *l-iżvilupp professjonali għall-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel* (OJ 2009/C 302/04)

Konklużjonijiet tal-Kunsill, laqgħa fil-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 fuq il-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ ('ET 2020') (2009/C 119/02)

Konklużjonijiet tal-Kunsill, laqgħa fil-Kunsill, 2010. *Konklużjonijiet tal-Kunsill fuq id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ.* It-3013-il laqgħa tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Kultura, Brussell, 11 ta' Mejju 2010

Il-Kummissjoni Ewropea, 2009. *Qafas strateġiku għal edukazzjoni u taħriġ.* Brussell: Il-Kummissjoni Ewropea. Sors elettroniku jista' jinkiseb online f': http://ec.europa.eu/education/lifelong-learning-policy/doc28_en.htm

Il-Kummissjoni Ewropea, DG-Edukazzjoni u Kultura, 2010. *Intejbu l-Kwalità tal-Għalliema: l-Aġenda tal-Unjoni Ewropea.* Dokument imħejji minn Holdsworth, P., taqsir tal-prijoritajiet għal titjib fl-Edukazzjoni tal-Għalliema li kienu definiti mill-Ministeri tal-Edukazzjoni fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill f'Novembru 2007, 2008 u 2009

Il-Kummissjoni Ewropea, DG Edukazzjoni u Kultura, 2011. Grupp Tematiku ta' Ħidma ' L-Iżvilupp Professjonali tal-Għalliema': Rapport ta' Attività ta' Tgħallim Koetanju: *L-Approċji ta' Policy li Jiddefinixxu u Jiddeskrivu l-Kompetenzi tal-Għalliema*

In-Nazzjonijiet Uniti (ed.) 2006. *Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà.* New York: In-Nazzjonijiet Uniti

*Lejn deskritturi mxierka għall-Baċellerati u l-Masters,* Rapport mill-grupp informali tal-Inizjattiva tal-Kwalità flimkien, Diċembru 2003. Sors elettroniku jista' jinkiseb online f': http://www.verbundprojekt-niedersachsen.uni-oldenburg.de/download/Dokumente/Studium_Lehre/share_%20descriptorsbama.pdf

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2011. *Ir-Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà.* Ġenevra: L-Isvizzera. WHO

L-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Ekonomika, 2005. *L-Għalliema Jagħmlu d-Differenza: Niġbdu, Niżviluppaw u Nsostnu Għalliema Effettivi.* Pariġi: OECD

L-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO), 2009. *Linji-Gwida għal Policy ta' Inklużjoni fl-Edukazzjoni,* Pariġi: UNESCO

Ouane, A., 2008. *Noħolqu sistemi ta' edukazzjoni li joffru opportunitajiet għal tgħallim tul il-ħajja.* Paper ippreżentata fil-Konferenza Internazzjonali fuq l-Edukazzjoni tal-UNESCO 'Edukazzjoni Inklużiva: it-triq għall-futur', l-48 sessjoni. Geneva, 25-28 ta' Novembru 2008

Rakkomandazzjoni għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 fuq l-kompetenzi ewlenin tat-tgħallim tul il-ħajja (2006/962/EC)

Ryan, T.G. (2009) Analiżi ta' perċezzjonijiet ta' għalliema għal skop ta' inklużjoni. Journal ta' Riċerka għal Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali, 9 (3), 180–187

Shulman, L., 2007. *Lecture keynote lill-Assoċjazjoni Amerikana tal-Kulleġġi għall-Edukazzjoni tal-Għalliema, Konferenza Annwali.* New Orleans, Frar 2007

UNESCO-IBE, 2008. *Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet għat-48 sessjoni fuq il-Konferenza Internazzjonali fuq l-Edukazzjoni.* Ġenevra, L-Isvizzera. UNESCO IBE.ED/BIE/CONFINTED 48/5

UNICEF u UNESCO, 2007. *Approċju Mibni fuq id-Drittijiet tal-Bniedem għal Edukazzjoni għal Kulħadd: Qafas ta' realizzazzjoni tad-dritt tat-tfal għall-edukazzjoni u d-drittijiet fl-edukazzjoni.* Il-UNICEF, New York u UNESCO, Pariġi

## ANNESS 1 – L-UŻU TA' KOMPETENZI FL-ITE FIL-PAJJIŻI

| Il-Pajjiż | Kompetenzi li nsibu fil-policy nazzjonali/użata fl-ITE | Kompetenzi fl-edukazzjoni inklużiva |
|---|---|---|
| L-Awstrija | Il-leġiżlazzjoni tgħid li l-korsijiet kollha għandhom jużaw il-kompetenzi. Issettjati mill-HEIs individwali | Iva |
| Il-Belġju (il-komunità li titkellem bil-Fjammin) | Il-Qafas tal-Kompetenzi tal-Għalliema (2007) għall-primarja u s-sekondarja | Iva, f'termini ta' opportunitajiet ugwali |
| Il-Belġju (il-komunità li titkellem bil-Franċiż) | Xejn | Le |
| Ċipru | Le. L-HEIs jiddeterminaw il-kontenut | Xi korsijiet obbligatorji rilevanti flimkien ma' moduli opzjunali |
| Id-Danimarka | Kompetenzi għal studenti għalliema nsibuhom fil-leġiżlazzjoni (Ordni nru. 408 tal-11 ta' Mejju 2009) | Kompetenzi fl-edukazzjoni speċjali |
| L-Estonja | L-Istandard Professjonali tal-Għalliema (2005 u 2006) flimkien mal-Istrateġija tal-Edukazzjoni tal-Għalliema 2009-2013 | Ħames oqsma relevanti ngħataw l-importanza tagħhom fir-rapport tal-pajjiż |
| Il-Fillandja | Mhux ċentralment definit imma hemm linji ta' gwidi nazzjonali | Studji dwar il-ħtiġijiet speċjali bażiċi fl-edukazzjoni kollha tal-għalliema |
| Franza | 10 ħiliet li huma delineati miċ-ċentru għall-għalliema | Jieħdu inkonsiderazzjoni l-ħtiġijiet individwali |
| Il-Ġermanja | L-istandards issettjati mill-Istanding Conference tal-Ministeri 2004. Paper ta' Strateġija 2010 | L-iżvilupp ta' edukazzjoni speċjali bħala parti mill-ITE |
| L-Irlanda | Il-Kunsill tat-Tagħlim issettja r-riżultati-til-mira (outcomes) tat-tagħlim meħtieġ | Iva |
| L-Islanda | Ħtiġijiet ċentrali imma deċiżjonijiet jittieħdu fil-livell lokali | Xi kontenut integrat, ieħor speċjalizzat |
| L-Isvezja | Mhux issettjati ċentralment | Iva |
| L-Isvizzera | Użati minn HEIs individwali | Approssimament 5% tal-kors |
| Il-Latvja | L-istandards/kompetenzi qegħdin jiġu riveduti – il-kulleġġi jiddeċiedu l-kontenut | L-introduzzjoni għall-SEN, xi kontenut dwar l-attitudnijiet |
| Il-Litwanja | Profil tal-Kompetenzi tal-Professjoni tal-Għalliema (2007) flimkien ma' Standards ta' Taħriġ tal-Għalliema | Iva – il-kontenut ivarja skont il-kulleġġi |
| Il- | Il-kontenut issettjat mill-Ministeru. L-approċju tal-kompetenzi għall-edukazzjoni | L-inklużjoni tinkludi korsijiet primarji – ftit fis- |

| | | |
|---|---|---|
| **Lussemburgu** | ġenerali. | sekondarja |
| **Malta** | Il-kompetenzi huma ssettjati għall-primarja | Iva |
| **In-Norveġja** | Ir-riżultati-til-mira (outcomes) tat-tgħallim għall-għalliema huma mistqarra fir-regolazzjonijiet tal-Kurrikulu Nazzjonali | Iva |
| **L-Olanda** | Il-kompetenzi u r-rwoli professjonali huma delineati. Il-kontenut huwa deċiż mill-HEIs individwali | L-introduzzjoni tal-SEN huwa inkluż fil-kors tal-primarja |
| **Il-Polonja** | Il-kompetenzi ġenerali huma ssettjati minn timijiet ta' esperti eletti mill-Kunsilli tal-Fakultà | Mhux speċifikatament delineati imma l-korsijiet dejjem jinkludu kontenut relevanti |
| **Il-Portugal** | Il-kompetenzi ġenerali huma ssettjati fil-leġiżlazzjoni imma l-HEIs għandhom l-awtonomija li jiddeċiedu kif javverraw ruħhom. | Jinkludi l-punti ewlenin relevanti għall-prattika inklużiva |
| **Ir-Renju Unit (L-Ingilterra)** | Standards tal-Aġenzija tal-Iżvilupp tal-Għalliema. L-HEIs huma responsabbli għall-mod kif dawn jintlaħqu | Iva – jistgħu jinkisbu ħafna moduli SEN |
| **Ir-Renju Unit (L-Irlanda ta' Fuq)** | Il-Kunsill tat-Tagħlim issettja kompetenzi tat-tagħlim (2007) | Iva |
| **Ir-Renju Unit (L-Iskozja)** | Il-Kunsill Ġenerali tat-Tagħlim tal-Iskozja ssettja standards (outcomes summattivi). L-HEIs jiddeċiedu l-kontenut | Iva – il-Qafas nazzjonali għall-inklużjoni (http://www.frameworkforinclusion.org/) jorbot l-istandards tal-edukazzjoni tal-għalliema fil-livelli kollha ma' approċju mibni fuq id-drittijiet għal inklużjoni u aġenda ta' ġustizzja soċjali li tippromwovi l-istrateġiji tat-tagħlim u t-tgħallim li jinkoraġġixxu l-iżvilupp tal-ħila tat-tgħallim għal kulħadd |
| **Ir-Renju Unit (Wales)** | L-Assemblea tal-Gvern Welsh – l-istandards bħal tar-Renju Unit (l-Ingilterra) | Iva |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Standards ġenerali u kompetenzi ewlenin qegħdin jiġu żviluppati bħala l-bażi tal-kwalifiki minimi tal-professjoni tal-għalliema kif insibuhom fil-leġiżlazzjoni (HEIs jiddifferixxu minħabba l-ħtiġijiet tal-Bord Akkreditat) | Jipprovdu bażi għal prattika inklużiva |
| **Is-Slovenja** | Deċiżjonijiet minn HEIs individwali | Iva – xi wħud fi programmi ġodda wara Bologna |
| **Spanja** | Issettjati miċ-Ċentru (2007) | Iva imma ad hoc – SEN huwa 'suġġett' fit-taħriġ bażiku |
| **L-Ungerija** | Standards u kompetenzi ewlenin huma delineati | Jinkludi adattazzjoni ta' ħtiġijiet individwali |

## ANNESS 2 – INTEJBU L-KWALITÀ TAL-GĦALLIEMA: L-AĠENDA TAL-POLICY TAL-UNJONI EWROPEA

Dan id-dokument qasir kien imħejji minn Paul Holdsworth, il-Kummissjoni Ewropea, id-DG-Edukazzjoni u Kultura fl-2010 bħala kontribuzzjoni għad-dibattiti fuq il-proġett tal-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni. Din in-nota tagħti fil-qosor il-prijoritajiet biex intejbu l-Edukazzjoni tal-Għalliema li kienu definiti mill-Ministeru tal-Edukazzjoni fi tliet dokumenti ewlenin tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill, imlaqqgħin fil-Kunsill, biex itejbu l-kwalità tal-edukazzjoni tal-għalliema (OJ 2007/C 300/07). (‘07’ fil-lista ta’ hawn taħt)

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill, imlaqqgħin fil-Kunsill tal-21 ta’ Novembru 2008 biex iħejju n-nies ta’ età żagħżugħa għas-seklu 21: aġenda għall-kooperazzjoni Ewropea fuq l-iskejjel (OJ 2008/C 319/08) (‘08’ fil-lista t’hawn taħt)

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill, imlaqqgħin fil-Kunsill tas-26 ta’ Novembru 2009 fuq l-iżvilupp professjonali tal-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel (OJ 2009/C 302/04) (‘09’ fil-lista t’hawn taħt)

**1. Nippromwovu valuri u attitudnijiet professjonali**

- Nippromwovu kultura ta’ prattika riflessiva (07)
- L-għalliema jkunu tgħalliema awtonomi (07)
- L-għalliema jieħdu sehem fir-riċerka, (07) jiżviluppaw għerf ġdid (07) ikunu innovattivi (07)
- L-għalliema jieħdu parti fl-iżvilupp tal-iskola (07)
- L-għalliema jikkollaboraw mal-kollegi, il-ġenituri, eċċ. (07)
- Biex l-Istati Membri sostanzjalment iżidu l-mobiltà tat-tgħallim tal-għalliema biex b’hekk din tiġi n-norma, u mhux l-eċċezzjoni (08) (09)

**2. Intejbu l-kompetenzi tal-għalliema**

- L-għalliema jkollhom għerf speċjalizzat tas-suġġetti (07) flimkien ma’
- Il-ħiliet pedagoġiċi neċessarji (07), eż.:
  - Jgħallmu klassijiet etereoġenji (07)
  - Jużaw l-ICT (07)
  - Jgħallmu kompetenzi trasversali (07)
  - Joħolqu skejjel attraenti u siguri (07)

**3. Reklutaġġ effettiv u selezzjoni li tippromwovi kwalità edukattiva**

- Stati Membri biex jiġbdu u jżommu l-aħjar kandidati (09)
- Stati Membri biex jistudjaw ir-reklutaġġ, l-allokazzjoni, ir-ritenzjoni u l-policies ta’ mobiltà (08)
- Stati Membri biex jippromwovu t-tagħlim bħala karriera attraenti (07)/professjoni (08)

**4. Intejbu l-kwalità tal-Edukazzjoni Inizjali tal-Għalliema**

- Il-kwalifika HE hija meħtieġa għall-karriera tal-għalliema (07); jiġi ikkonsidrat li jkun hemm kwalifiki ogħla meħtieġa biex issir għalliem (07)

- Il-kwalifiki tal-ITE għandhom jibbilanċjaw l-istudji mibnija fuq ir-riċerka u l-prattika tat-tagħlim (07)
- Jiġi kkunsidrat li jogħla l-livell ta' esperjenza prattika meħtieġa biex tikkwalifika bħala għalliem (07)
- Stati Membri biex sostanzjalment iżidu l-mobiltà tat-tgħallim tal-għalliema biex b'hekk tiġi n-norma, u mhux l-eċċezzjoni (08) (09)

**5. Nintroduċu programm ta' induzzjoni għall-għalliema ġodda kollha**

- Jiġi pprovdut sostenn (induzjoni) professjonali u personali għall-għalliema ġodda kollha (09) (08)

**6. Jiġi pprovdut sostenn ta' mentoring għall-għalliema kollha**

- Ikun hemm sostenn ta' mentoring tul il-karriera (07)
- L-għalliema jiġu pprovduti b'biżżejjed sostenn biex ikunu effettivi (09)

**7. Jiġu mtejba l-kwalità u l-kwantità tal-Iżvilupp Professjonali Kontinwu**

- L-għalliema jistudjaw b'mod regolari l-iżvilupp tal-ħtiġijiet individwali permezz ta' evalwazzjoni personali / esterna (07) (09)
- Tiġi assigurata l-kwalità tas-CPD
- Tintjieb il-provista/varjetà: formali, informali, mhux-formali; skambji, allokazzjonijiet (07)
- Jiżdied l-użu tas-CPD (07)
- L-Istati Membri biex sostanzjalment iżidu l-mobiltà tat-tgħallim tal-għalliema bil-għan li din tiġi n-norma, mhux l-eċċezzjoni (08) (09)

**8. It-Tmexxija tal-Iskejjel**

- Jintjieb ir-reklutaġġ (08)
- Jintjieb it-taħriġ u l-iżvilupp
- Il-ħiliet fit-tagħlim, l-esperjenzi fit-tagħlim (07) (08)
- L-immaniġġjar, it-tmexxija (07) (08)
- Il-provediment ta' taħriġ ta' kwalità għolja (09)
- Titħaffef il-'load' tal-amministrazzjoni; iffukar fuq kif insawru t-tagħlim u t-tgħallim (09)

**9. Nassiguraw il-kwalità tal-Edukaturi tal-Għalliema**

- Irid ikollhom standards akkademiċi għolja (09)
- Irid ikollhom esperjenza prattika tat-tagħlim (09)
- Irid ikollhom kompetenzi tajbin fit-tagħlim (09)

**10. Jintjiebu s-Sistemi ta' Edukazzjoni ta' Għalliema**

- L-Edukazzjoni Inizjali tal-Għalliema, l-Induzzjoni u s-CPD għandhom ikunu kkoordinati u koerenti (07)
- Is-sistemi għandhom ikunu adekwatament mogħtija r-riżorsi u l-kwalità assigurata (07)
- Il-korsijiet tal-Edukazzjoni tal-Għalliema jwieġbu għall-ħtiġijiet dejjem jevolvu (07) / jipprovdu tweġibiet innovattivi għal ħtiġijiet ġodda (07)
- Jgħinu fis-sħubija bejn l-Istituzzjonijiet Edukattivi tal-Għalliema / skejjel (07)

- Jiżviluppaw l-iskejjel bħala 'komunitajiet ta' tgħallim' (07)
- Jagħmlu studji regolari ta' ħtiġ ijiet individwali ta' ż vilupp permezz ta' evalwazzjoni personali / esterna, (07) (09) u jipprovdu opportunitajiet biex jilħqu dawn il-ħtiġijiet (09).

## ANNESS 3 – DISKUSSJONIJIET-PROFIL: TEMPLEJT GĦALL-ĠBIR TA' INFORMAZZJONI

Il-proġett tal-Profil ta' Għalliema Inklużivi żviluppat fi ħdan l-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Inklużjoni għandu l-għan li jippreżenta l-oqsma ta' kompetenzi maqbula meħtieġa għall-għalliema KOLLHA biex jgħinuhom ilaħħqu mal-ħtiġijiet tat-tgħalliema kollha fil-klassi.

Id-dokument tal-Profil jipprovdi razzjonal għall-approċju meħud biex jiżviluppa l-profil u jagħti importanza lil aspetti ewlenin f'dak li għandu x'jaqsam mat-twettiq ta' approċju ta' 'kompetenzi' għall-edukazzjoni inizjali tal-għalliema.

Dan it-templejt għandu jintuża mill-parteċipanti kollha biex jinnutaw il-punti ewlenin mid-diskussjonijiet. Jekk jogħġobkom irrekordjaw ir-rwol tal-istakeholders li taw il-kontribuzzjonijiet (eż. tgħalliemi/ġenitur/għalliem eċċ.) filwaqt li tindikaw jekk jaqblux/ma jaqblux mal-proposta.

**In-noti użati permezz ta' din it-templejt jnġabru fl-aħħar taż-Żjara tal-Istudju tal-Pajjiż.**

1. Hemm qbil dwar il-**mudell** żviluppat u, b'mod partikolari, l-erba' valuri ewlenin li nsibu fil-Profil: l-ivvalorizzar tad-diversità tat-tgħalliema, is-sostenn tat-tgħalliema kollha, il-ħidma ma' ħaddieħor u l-iżvilupp professjonali personali?

2. Hemm qbil dwar **il-prinċipji ġenerali** ppreżentati fid-dokument tal-Profil?

3. L-istakeholders jaqblu mal-**oqsma tal-kompetenza** delineati fid-dokument tal-Profil?

4. Jekk jogħġbok innota kwalunkwe kumment jew suġġeriment dwar **l-implikazzjonijiet għat-twettiq**, għal darba oħra billi tgħid ir-rwol tal-istakeholders.

5. Hemm xi ħaġa li l-istakeholders iridu jżidu jew ineħħu?

(N.B. Il-kummenti u l-bidliet issuġġeriti jistgħu jiġu nnutati fuq kopja tad-dokument tal-Profil – jekk jogħġobkom innutaw ir-rwol tal-persuna li tagħmel is-suġġeriment).

## IL-KONTRIBUTURI

| Il-Pajjiż | L-Espert/i innominat/i tal-Proġett | L-indirizz email |
|---|---|---|
| L-Awstrija | Is-Sur Ivo Brunner<br>Is-Sur Ewald Feyerer | ivo.brunner@ph-vorarlberg.ac.at<br>ewald.feyerer@ph-ooe.at |
| Il-Belġju (il-komunità li titkellem bil-Fjammin) | Ms Annet de Vroey | annet.de.vroey@khleuven.be |
| Il-Belġju (il-komunità li titkellem bl-Franċiż) | Is-Sur Jean-Claude De Vreese | jean-claude.devreese@cfwb.be |
| Ċipru | Ms Elli Hadjigeorgiou<br>Ms Simoni Symeonidou | hadjigeorgiou.e@cyearn.pi.ac.cy<br>symeonidou.simoni@ucy.ac.cy |
| Id-Danimarka | Ms Bodil Gaarsmand<br>Is-Sur Nils-Georg Lundberg | bgaa@ucsyd.dk<br>ngl@ucn.dk |
| L-Estonja | Ms Vilja Saluveer<br>Ms Karmen Trasberg | vilja.saluveer@hm.ee<br>karmen.trasberg@ut.ee |
| Il-Fillandja | Ms Suvi Lakkala<br>Ms Helena Thuneberg | suvi.lakkala@ulapland.fi<br>helena.thuneberg@helsinki.fi |
| Franza | Ms Nathalie Lewi-Dumont<br>Ms Catherine Dorison | nathalielewi@gmail.com<br>catherine.dorison@iufm.u-cergy.fr |
| Il-Ġermanja | Is-Sur Thomas Franzkowiak<br>Ms Kerstin Merz-Atalik | franzkowiak@paedagogik.uni-siegen.de<br>merz-atalik@ph-ludwigsburg.de |
| L-Irlanda | Is-Sur Alan Sayles<br>Ms Áine Lawlor | Alan_Sayles@education.gov.ie<br>aine.lawlor@teachingcouncil.ie |
| L-Islanda | Ms Hafdís Guðjónsdóttir<br>Ms Jóhanna Karlsdóttir | hafdgud@hi.is<br>johannak@hi.is |
| L-Isvezja | Is-Sur Bengt Persson | bengt.persson@hb.se |
| L-Isvizzera | Is-Sur Pierre-André Doudin<br>Is-Sur Reto Luder | pierre-andre.doudin@hepl.ch<br>reto.luder@phzh.ch |
| Il-Latvja | Ms Guntra Kaufmane<br>Ms Sarmīte Tūbele | guntra.kaufmane@visc.gov.lv<br>sarmite.tubele@lu.lv |
| Il-Litwanja | Is-Sur Giedrius Vaidelis<br>Ms Lina Milteniene | giedrius.vaidelis@upc.smm.lt<br>m.lina@cr.su.lt |
| Il-Lussemburgu | Is-Sur Alain Adams | alain.adams@education.lu |
| Malta | Ms Felicienne Mallia Borg<br>Is-Sur Paul Bartolo | felicienne.mallia.borg@ilearn.edu.mt<br>paul.a.bartolo@um.edu.mt |
| In-Norveġja | Ms Toril Fiva<br>Ms Unni Vere Midthassel | Toril.Fiva@kd.dep.no<br>unni.midthassel@uis.no |
| L-Olanda | Is-Sur Frank Jansma<br>Is-Sur Dominique Hoozemans | F.Jansma@Lerarenweb.nl<br>hoozemans.d@hsleiden.nl |
| Il-Polonja | Ms Agnieszka Wołowicz<br>Ms Beata Rola | agnieszka.wolowicz@onet.eu<br>beata.rola@mscdn.edu.pl |
| Il-Portugal | Ms Maria Manuela Micaelo<br>Ms Maria Manuela Sanches Ferreira | manuela.micaelo@dgidc.min-edu.pt<br>manuelaferreira@ese.ipp.pt |

| | | |
|---|---|---|
| Ir-Renju Unit (L-Ingilterra) | Is-Sur John Anderson<br>Is-Sur Martin Hagan | john.anderson@deni.gov.uk<br>m.hagan@stmarys-belfast.ac.uk |
| Ir-Renju Unit (L-Irlanda ta' Fuq) | Ms Lani Florian | l.florian@abdn.ac.uk |
| Ir-Renju Unit<br>(L-Iskozja) | Is-Sur Brahm Norwich<br>Is-Sur John Cornwall | B.Norwich@exeter.ac.uk<br>john.cornwall@canterbury.ac.uk |
| Ir-Renju Unit (Wales) | Ms Sue Davies | s.davies@tsd.ac.uk |
| Ir-Repubblika Ċeka | Ms Kateřina Vitásková<br>Ms Miroslava Salavcová | katerina.vitaskova@upol.cz<br>miroslava.Salavcova@msmt.cz |
| Is-Slovenja | Ms Damjana Kogovšek | damjana.kogovsek@pef.uni-lj.si |
| Spanja | Ms Pilar Pérez Esteve<br>Is-Sur Gerardo Echeita Sarrionandia | pilar.pereze@educacion.es<br>gerardo.echeita@uam.es |
| L-Ungerija | Ms Csilla Stéger<br>Is-Sur Iván Falus | csilla.steger@okm.gov.hu<br>falusivan@gmail.com |

L-Agency tixtieq ukoll tirrikonoxxi x-xogħol tal-kontribuzzjonijiet magħmula minn dawn l-esperti ta' dawn il-pajjiżi: Ms Iva Strnadová u Ms Radka Topinková (Ir-Repubblika Ċeka), Ms Marita Mäkinen (Il-Fillandja); Is-Sur Pierre Francois Gachet (Franza); Ms Joëlle Renoir u s-Sur Marco Suman (il-Lussemburgu); Is-Sur Jos Louwe u s-Sur Rutger Stafleu (L-Olanda); Ms Marit Strømstad (In-Norveġja); Ms Kerstin Hultgren (L-Isvezja); Is-Sur Huw Roberts u s-Sur Cliff Warwick (Ir-Renju Unit, Wales).

Il-kontribuzzjonijiet tal-kelliema fil-konferenza tad-dissiminazzjoni fi Brussell it-2 ta' Marzu, 2012 huma mogħtija r-rikonoxximent ukoll: Is-Sur Tony Booth (Ir-Renju Unit, l-Ingilterra); Ms Therese Tchombe (Iċ-Chair għall-Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali / Inklużjoni UNESCO, Cameroon); Ms Paula Hunt (L-Uffiċċju Reġjonali tas-CEE/CIS UNICEF) UNICEF; Ms Micheline Sciberras (Ministeru tal-Edukazzjoni, Malta); Is-Sur Gisle Larsen (In-Norveġja); Ms Anete Gutmane (Il-Latvja).

L-Agency tixtieq ukoll tirringrazzja b'mod partikolari lil Ms Kari Nes, il-Konsulent Estern tal-Proġett u l-membri tal-Grupp Avviżorju tal-Proġett għas-sostenn tagħhom: Ms Bernadette Céleste (Franza); Is-Sur Don Mahon (L-Irlanda); Ms Mudite Reigase (Il-Latvja); Ms Irene Moser (L-Awstrija – membru tal-grupp sa Settembru 2010); Is-Sur Renato Opertti (UNESCO IBE); Is-Sur Paul Holdsworth (Il-Kummissjoni Ewropea, DG-EAC).

# MT

Il-Profil ta' Għalliema Inklużivi kien żviluppat bħala wieħed mix-xogħlijiet ewlenin tal-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Skop ta' Inklużjoni (TE4I), proġett li kien sar mill-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. It-TE4I bħala għan għall-edukazzjoni tal-istudenti Għalliema (ITE) kien rakkomandazzjoni ewlenija tar-rapport-sinteżi tal-proġett; il-Profil jibni fuq dan u tagħrif ieħor ippreżentat fir-rapport tal-proġett-sintenzi u jorbothom ma' qafas ta' valuri u l-oqsma neċessarji tal-kompetenzi għall-għalliema kollha jekk dawn għandhom ikunu effettivi fil-klassijiet inklużivi.

Il-Profil jippreżenta informazzjoni fuq *liema* huma l-valuri essenzjali u l-oqsma tal-kompetenzi li għandhom jiżviluppaw fil-programmi kollha tal-ITE. Madankollu, ma jippruvax jiddeskrivi *kif* dawn l-oqsma ta' kompetenza għandhom jintużaw fi programmi differenti tal-pajjiżi għal skop ta' edukazzjoni inizjali tal-għalliema. Għalkemm xi oqsma ewlenin dwar it-twettiq jintqiesu f'sezzjoni li tiġi lejn l-aħħar ta' dan id-dokument il-Profil inħadem bħala għodda li għandu jiġi eżaminat u żviluppat f'modi li b'mod speċifiku jidħlu fil-kuntest differenti ta' kull sistema tal-ITE ta' kull pajjiż individwali.

L-udjenzi ewlenin fil-mira għal dan id-dokument huma l-edukaturi tal-għalliema u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet – il-managers u l-policy makers għall-ITE – li huma f'qagħda li jinfluenzaw il-policy għall-edukazzjoni tal-għalliema għall-inklużjoni u mbagħad jinizjalaw u jwettqu l-bidliet fil-prattika. Dawn l-istakeholders tal-ITE huma meqjusa bħala udjenza fil-mira kritika, minħabba l-fatt li asserzjoni usa' għall-proġett tat-TE4I hija l-edukazzjoni tal-għalliema bħala punt ta' tweżin ewlieni għal bidliet sistematiċi usa' li huma meħtieġa għall-edukazzjoni inklużiva b'mod ġenerali.